



Ġabra tal-ġurisprudenza

KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKATA ĠENERALI
ĊAPETA
ippreżentati fil-15 ta' Ġunju 2023¹

Kawża C-330/22

Friends of the Irish Environment CLG

vs

**Minister for Agriculture, Food and the Marine,
l-Irlanda, u
l-Attorney General**

(Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-High Court (il-Qorti Għolja, l-Irlanda))

(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Validità – Politika komuni tas-sajd – Artikolu 43(2) TFUE – Regolament (UE) Nru 1380/2013 – Regolament (UE) 2019/472 – Ippjanar ta' opportunitajiet tas-sajd – Limiti tal-qabda totali permissibbli 'l fuq mir-rendiment massimu sostenibbli – Diskrezzjoni tal-Kunsill skont l-Artikolu 43(3) TFUE – Regolament (UE) 2020/123)

I. Introduzzjoni

1. Isem li jinstema' f'hafta miti u leġġendi Irlandiżi huwa dak tal-ispirtu tal-oċeani, Manannán maċ Lir. Mexxej gwerrier b'saħħtu, li għalih il-mewġ kienu l-karru tiegħu, kien ukoll ikkunsidrat bħala bidwi sinjur fuq il-"pjanuri tal-baħar". Minflok il-bovini u n-nagħaġ, il-ġlejjeb tal-ħut kienu l-merħliet tiegħu. Tant kemm kienet abbondanti l-kultivazzjoni tiegħu fl-ilmijiet tal-Irlanda li, meta l-kummissjonijiet irjali konsekuttivi eżaminaw is-settur tas-sajd fl-1863 u fl-1885, l-iktiologi ewlenin ta' dak iż-żmien ikkonkludew li s-sajd kien "ineżawribbli"².

2. Sfortunatament, dawn kienu żbaljati. L-istokkijiet tal-ħut ma humiex riżorsa li tiġġedded waħedha b'mod perpetwu, indipendenti mill-influwenza tal-bniedem. Kif tgħallimna matul dan is-seklu, l-istokkijiet tal-ħut jeħtieġu ġestjoni bir-reqqa sabiex tiġi żgurata s-sopravivenza tagħhom. Fil-qalba tagħha, dan huwa l-punt li l-kawża tar-rikorrenti tfittex li tagħmel. Fil-fatt,

¹ Lingwa oriġinali: l-Ingliż.

² Ara Roney, J.B., *[Mis-]managing Fisheries on the West Coast of Ireland in the Nineteenth Century*, vol. 8(1):4 Humanities, 2019, p. 10, li jikkwota l-ewwel żoologu tal-baħar fil-Gran Brittanja, li serva fil-Kummissjoni Rjali tal-1885, bil-kliem li ġej: "b'xi eċċezzjonijiet, il-fawna tal-ibħra miftuħa, min-natura u l-ambjent tagħhom, jidhru li huma, fil-biċċa l-kbira, indipendenti mill-influwenza tal-bniedem. [...] In-natura kważi dejjem issegwi l-liġijiet tagħha, u, bħala regola, fil-baħar dawn huma lil hinn mill-influwenza tal-bniedem." [traduzzjoni libera] Ara wkoll Roberts, C., *The Unnatural History of the Sea*, Island Press, 2007, p. 142, 143 u 157 (fejn ikkonstata li kemm il-Kummissjoni Rjali tal-1863 kif ukoll dik tal-1885 jaqblu essenzjalment mal-konklużjoni ta' sajd illimitat).

l-argument ta' din il-parti huwa li r-Regolament (UE) 2020/123³ li jiffissa l-opportunitajiet ta' sajd għas-sena 2020 jistabbilixxi limiti ta' sajd għal ċerti stokkijiet fl-ilmijiet madwar l-Irlanda⁴ li huma 'il fuq minn livelli sostenibbli fit-tul⁵. F'dan ir-rigward, ir-rikorrenti tinwoka prinċipalment il-leġiżlazzjoni bażika li tistabbilixxi l-politika komuni tas-sajd (iktar 'il quddiem il-“PKS”)⁶. F'dan l-att, il-leġiżlatur tal-Unjoni Ewropea indika s-sena 2020 bħala l-aħħar data li fiha s-sajd fl-ilmijiet tal-Unjoni għall-istokkijiet *kollha* għandu jsir f'livelli sostenibbli.

3. Fil-livell ġuridiku, madankollu, din il-kawża ma tqajjimx il-kwistjoni dwar jekk il-livelli stabbiliti mill-Kunsill humiex sostenibbli jew le. Din ma hijiex deċiżjoni li għandha tittieħed mill-Qorti tal-Ġustizzja. Għall-kuntrarju, l-argument legali tar-rikorrenti jikkonċerna l-eżistenza u l-limiti tas-setgħa diskrezzjonali tal-Kunsill fl-iffissar tal-opportunitajiet tas-sajd fl-ilmijiet tal-Unjoni skont l-Artikolu 43(3) TFUE. Sabiex tirrispondi għal din id-domanda ta' kompetenza, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha wkoll tiddetermina l-kwistjoni relatata dwar sa fejn l-għanijiet bażiċi tal-PKS jistgħu jiġu affettwati minn leġiżlazzjoni speċifika għall-qasam u għas-suġġett f'dan il-qasam.

II. Il-fatti li wasslu għall-kawża u d-domandi preliminari

4. Kull sena, il-Kunsill jalloka l-opportunitajiet tas-sajd fost l-Istati Membri, abbażi ta' sehem prevedibbli tal-istokkijiet għal kull speċi ta' ħut fl-ilmijiet tal-Unjoni. Dawn l-ishma individwali huma l-qabda totali permissibbli (it-“TAC”). Meta jiddetermina u jiddistribwixxi t-TAC annwali, il-Kunsill għandu jaġixxi fil-kuntest tal-għan tal-PKS, kif stabbilit fir-Regolament Bażiku tal-PKS.

5. L-Artikolu 2 tar-Regolament Bażiku tal-PKS jelenka numru ta' għanijiet li permezz tagħhom il-PKS għandha tiffunzjona. L-ewwel subparagrafu tiegħu jinnota, *inter alia*, li l-PKS “għandha tiżgura li l-attivitajiet tas-sajd u l-akkwakultura huma ambjentalment sostenibbli fit-tul”. It-tieni paragrafu jispjega sussegwentement, fl-ewwel subparagrafu tiegħu, li fil-ġestjoni tal-PKS, l-Unjoni Ewropea “għandha tfittex li tiżgura li l-isfruttament ta' riżorsi bijoloġiċi ħajjin tal-baħar jirripristina l-popolazzjonijiet tal-ispeċijiet mistada u jżommhom 'il fuq minn livelli li jistgħu jipproduċu r-rendiment massimu sostenibbli”. Huwa jkompli billi jindika fit-tieni subparagrafu li “[i]r-rata ta' sfruttament tar-rendiment massimu sostenibbli għandha, fejn possibbli, tintlaħaq sal-2015 u, fuq bażi progressiva u inkrementali *sa mhux aktar tard mill-2020 għall-istokkijiet kollha*”⁷ (iktar 'il quddiem l-“għan tal-MSY għall-2020”).

6. Il-kunċett ta' rendiment massimu sostenibbli (“MSY”) huwa strateġija ta' ħsad li tintuża globalment fis-sajd. Hija tippreżumi li jeżisti ċertu livell ta' qbid li jista' jittieħed minn stokk ta' ħut mingħajr ma jaffettwa d-daqs ibbilanċjat tal-popolazzjoni tiegħu. Essenzjalment, l-idea hi li

³ Regolament tal-Kunsill tas-27 ta' Jannar 2020 li jistabbilixxi għall-2020 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut u ċerti gruppi ta' stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni (ĠU 2020 L 25, p. 1) (iktar 'il quddiem ir-“Regolament tal-2020”).

⁴ Sabiex ikunu speċifiċi, dawn l-ispeċijiet u ż-żoni tas-sajd huma “Merluzz (*Gadus morhua*) fid-diviżjoni 6.a (Punent tal-Iskozja)” (ippubblikata fit-28 ta' Ġunju 2019); “Merluzz (*Gadus morhua*) fid-diviżjonijiet 7.e-k (il-Kanal tal-Punent Inġliż u l-Ibħra madwar l-Irlanda)” (ippubblikata fis-16 ta' Awwissu 2019); “Merlangu (*Merlangius merlangus*), fid-diviżjoni 7.a (il-Baħar Irlandiż)” (ippubblikata fit-28 ta' Ġunju 2019); u “Barbun tat-tbajja (*Pleuronectes platessa*) fid-Diviżjonijiet 7.h-k (in-Nofsinar tal-Baħar Ċeltiku, il-Lbiċ tal-Irlanda)” (ippubblikata fit-13 ta' Novembru 2019) (għas-sempliċità, dawn l-istokkijiet jissejħu “l-erba' stokkijiet inkwistjoni” u dawn id-diviżjonijiet bħala “l-ibħra madwar l-Irlanda”).

⁵ L-opportunitajiet tas-sajd rilevanti f'dan il-każ huma identifikati fl-Anness IA tar-Regolament tal-2020.

⁶ Jiġifieri, ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE (ĠU 2013 L 354, p. 22) (iktar 'il quddiem ir-“Regolament Bażiku tal-PKS”).

⁷ Enfasi miżjuda minni.

jinħasad biss il-ħut żejjed li jseħħ b'mod naturali hekk kif l-istokk jilħaq il-bilanċ u r-rati ta' riproduzzjoni tiegħu jonqsu. B'hekk, billi "tneħħi" dan iż-żejjed, ir-rati ta' riproduzzjoni jibqgħu mmassimizzati u l-istokk tal-ħut jimtela kull sena mingħajr ma jaffettwa s-sopravvivenza tiegħu fit-tul. Il-MSY hija għalhekk ipoteżi teoretika intiża sabiex tibbilanċja l-għan ta' konservazzjoni tal-istokkijiet tal-ħut maħsuda kummerċjalment għall-ġenerazzjonijiet futuri, minn naħa, u l-interess ekonomiku u soċjali tal-ħsad ta' dawn l-istokkijiet, min-naħa l-oħra.

7. Skont ir-Regolament Bażiku tal-PKS, dak li jikkostitwixxi l-MSY għal stokk partikolari u l-mod kif dan jitwettaq jiġi kkalkulat abbażi tal-"aħjar parir xjentifiku disponibbli"⁸ u, fin-nuqqas ta' data xjentifika adegwata, abbażi tal-approċċ ta' prekawzjoni⁹. Kif jaqblu l-partijiet kollha f'din il-kawża, il-parir ippreparat speċifikament għall-Kummissjoni Ewropea mill-Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar (iktar 'il quddiem l-"ICES") għall-erba' stokkijiet kontenzjużi ħa inkunsiderazzjoni dawn iż-żewġ approċċi. Għaldaqstant, ma huwiex ikkontestat li kemm l-"aħjar parir xjentifiku disponibbli" u kif ukoll l-approċċ ta' prekawzjoni, li abbażi tagħhom l-ICES ipprepara l-parir tiegħu, urew li l-TAC tal-erba' stokkijiet kontenzjużi fl-ibħra madwar l-Irlanda għandhom jiġu ffissati *għal-livell żero* għas-sena 2020 sabiex jintlaħaq il-MSY ta' dawn l-istokkijiet fil-futur¹⁰.

8. Lanqas ma huwa kkontestat li l-preżenza ta' stokkijiet ta' "ebda qbid", flimkien mal-"obbligu ta' ħatt l-art", fis-"sajd imħallat"¹¹ toħloq il-problema relatata tal-"ispeċijiet choke" u l-obbligu li l-bastimenti tas-sajd jiġu mġiegħla jwaqqfu l-attivitajiet tagħhom ferm qabel ma jkunu qabdu l-allokkazzjonijiet tal-kwoti prinċipali tagħhom. Dan il-fenomeno jistħoqqlu jiġi kkjarifikat. Is-sajd imħallat huwa ilmijiet fejn ikun hemm preżenti iżjed minn speċi waħda ta' ħut u fejn x'aktarx li jinqabdu speċijiet differenti fl-istess operazzjoni tas-sajd. L-obbligu ta' ħatt l-art jirrikjedi li l-bastimenti tas-sajd kollha jikkonservaw il-ħut kollu maqbud abbord, jirreġistrawhom u jimputawhom fuq il-kwoti applikabbli għal dawn l-istokkijiet¹². Fil-prattika, il-kombinazzjoni ta' dawn l-elementi tfisser li stokk ta' ebda TAC jista' jwaqqaf is-sajd ta' stokkijiet oħra f'sajd imħallat hekk kif jinqabdu, spiss bħala qabdiet inċidentali meta stokk ieħor ikun proprjament fil-mira. Għalhekk, qabda inċidentali ta' stokk taħt kwota mhux eżawrita (jew żero) jista' jkollha l-effett li twaqqaf is-sajda billi l-operazzjonijiet ikollhom jitwaqqfu ferm qabel ma jkunu nqabdu l-allokkazzjonijiet tal-kwoti prinċipali tagħha.

9. Fid-dawl ta' din il-problema u wara li rċeviet parir għal ebda qbid għall-erba' stokkijiet inkwistjoni, il-Kummissjoni talbet parir ieħor mill-ICES speċifikament dwar l-ammont ta' qabdiet inċidentali tal-erba' stokkijiet inkwistjoni maqbud matul is-sajd għal stokk "fil-mira"

⁸ Kif jirriżulta, pereżempju, mill-Artikolu 3(c) tar-Regolament Bażiku tal-PKS.

⁹ Skont l-Artikolu 4(1)(8) tar-Regolament Bażiku tal-PKS, l-approċċ ta' prekawzjoni għall-ġestjoni tas-sajd huwa "approċċ li skontu n-nuqqas ta' informazzjoni xjentifika adegwata m'għandux jiġġustifika l-posponiment jew in-nuqqas ta' teħid ta' miżuri ta' ġestjoni sabiex jiġu kkonservati l-ispeċijiet fil-mira, speċijiet assoċjati jew dipendenti u speċijiet mhux fil-mira u l-ambjent tagħhom".

¹⁰ Dan il-parir tal-ICES jispjega li l-parir għal ebda TAC għaż-żewġ stokkijiet tal-bakkaljau u għall-istokk tal-merlangu kien ibbażat fuq l-approċċ tal-MSY, filwaqt li l-parir għal ebda TAC għall-istokk tal-barbun tat-tbajja kien ibbażat fuq l-approċċ ta' prekawzjoni. Madankollu, għandu jiġi rrilevat, kif jixhed il-parir tal-ICES li jinsab fil-proċess tal-Qorti tal-Ġustizzja, u kif ikkonfermaw il-Kunsill u l-Kummissjoni waqt is-seduta, li, anki jekk il-livelli tat-TAC tal-MSY kienu jintużaw għall-erba' stokkijiet inkwistjoni, dawn l-istokkijiet jibqgħu taħt il-punt ta' riferiment limitu għall-bijomassa ta' stokk riproduttiv. Fi kliem ieħor, taħt il-punt li meta jinqabeż ir-rati ta' riproduzzjoni ta' dawn l-istokkijiet jitqiesu li huma ppreġudikati. Għaldaqstant, jista' jiġi konkluż li jkun hemm bżonn ta' iktar minn sena sabiex it-TAC tal-erba' stokkijiet inkwistjoni jiżdiedu għal livell 'il fuq minn żero.

¹¹ Artikolu 15 tar-Regolament Bażiku tal-PKS.

¹² Skont il-qafas preċedenti tal-PKS, stabbilit mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 tal-20 ta' Diċembru 2002 dwar il-konservazzjoni u l-isfruttar sostenibbli ta' riżorsi tas-sajd skond il-Politika Komuni dwar is-Sajd (ĠU 2002, L 358, p. 59), il-bastimenti ma kellhomx jieqfu mis-sajd ladarba l-kwota tagħhom għal wieħed minn dawn l-istokkijiet tkun ġiet eżawrita. Minflok, huma setgħu jkomplu jistadu għal stokkijiet oħra fil-mira. Minħabba f'hekk, huma komplew jaqbd u l-istokkijiet li għalihom kienu diġà ġew eżawriti l-kwoti, minkejja li huma ma setgħux legalment iħottu dawn il-qabdiet. Il-qabdiet li jaqbd u l-kwota ġew imwarrba. Bl-introduzzjoni tal-obbligu tal-ħatt, din il-prattika ta' rimi ta' qabdiet mhux mixtieqa ma għadhiex disponibbli.

fil-kuntest ta' sajd imħallat. L-opinjoni mitluba mill-Kummissjoni kienet marbuta speċifikament mal-kwantità ta' qabdiet inċidentali maqbuda waqt is-sajd għall-istokk "fil-mira" fil-kuntest tas-sajd imħallat. Kif jindika ismu, l-istokk fil-mira huwa t-tip ta' stokk li bastiment tas-sajd ikun biħsiebu jaqbad matul operazzjoni partikolari ta' sajd meta joħroġ fuq il-baħar. Il-ħut li jinqabad fix-xbieki tiegħu b'inċident jew b'mod każwali huma l-qabda inċidentali.

10. Skont it-talba tal-Kummissjoni¹³, l-ICES ipprovda stimi ta' kemm qabdiet inċidentali tal-erba' stokkijiet inkwistjoni jistgħu jinqabdu jekk is-sajd fuq il-livelli tat-TAC kellu jseħħ għal ċerti stokkijiet fil-mira matul is-sena 2020 fl-ilmijiet tas-sajd imħallat madwar l-Irlanda. Għandu jiġi enfasizzat li l-opinjoni mogħtija mill-ICES ma kinitx tasserixxi li dawn il-livelli ta' qabdiet inċidentali huma kompatibbli mal-kisba tal-MSY għall-erba' stokkijiet inkwistjoni jekk dawn l-istokkijiet inqabdu biss bħala qabdiet inċidentali. L-istimi rilevanti tal-ICES jikkostitwixxu biss l-istima matematika magħmula minn din l-entità tal-kwantità ta' kull wieħed minn dawn l-erba' stokkijiet li inevitabbilment jinqabad jekk stokk ieħor ikun fil-mira.

11. Fir-Regolament tiegħu tal-2020, il-Kunsill, filwaqt li aġixxa fuq dawn l-istimi, stabbilixxa l-opportunitajiet ta' sajd għas-sena 2020 għall-erba' stokkijiet inkwistjoni fl-livelli oġġla minn żero, fil-livelli li l-ICES kien qies bħala qabdiet inċidentali inevitabbli fis-sajd imħallat, jew taħt dawn il-livelli.

12. Abbażi tad-data dwar it-TAC annwali stabbilita mill-Kunsill għas-sena 2020 u l-kwantitajiet rilevanti allokatu lill-Irlanda, il-Ministru għall-Agricoltura, għall-Ikel u għall-Baħar (iktar 'il quddiem il-"Ministru") ħareġ avviżi ta' kull xahar dwar il-ġestjoni tas-sajd skont it-Taqsima 12(1) tas-Sea Fisheries and Maritime Jurisdiction Act 2006 (l-Att tal-2006 dwar is-Sajd tal-Baħar u l-Ġurisdizzjoni Marittima). Dawn l-avviżi jistipulaw il-kwantità tal-erba' stokkijiet ta' ħut inkwistjoni li jistgħu jinħattu mill-bastimenti Irlandiżi kull xahar tas-sena 2020.

13. Friends of the Irish Environment CLG (iktar 'il quddiem ir-"rikorrenti") ippreżentat kawża fl-Irlanda kontra dawn l-avviżi maħruġa mill-Ministru. Hija ssostni, essenzjalment, li billi ffissa TAC għall-erba' stokkijiet inkwistjoni oġġla minn żero għas-sena 2020, il-Kunsill mar kontra r-Regolament Bażiku tal-PKS, b'mod partikolari l-għan tal-MSY għall-2020 previst fl-Artikolu 2(2) tiegħu. L-avviżi tal-Ministru għalhekk huma invalidi.

14. Il-Ministru jiddefendi l-linja ta' azzjoni tiegħu (u għalhekk il-livelli tat-TAC tal-Kunsill) *inter alia* fuq il-fatt li r-Regolament Bażiku tal-PKS għandu jinqara flimkien mar-Regolament (UE) 2019/472¹⁴. Ir-regolament tal-aħħar huwa strument tal-istess livell ġerarkiku li jirrikonoxxi speċifikament id-diffikultà tas-sajd imħallat u l-problema relatata li tiġi evitata "speċi choke". Huwa sostnut li r-Regolament dwar l-Ilmijiet tal-Punent kellu bħala effett li jippermetti n-nomina ta' TAC ta' iktar minn żero għal daww l-istokkijiet li għalihom inħareġ il-parir għal ebdha qbid, meta dan ikollu l-effett, sa ċertu punt, li "jevita ċ-choke".

¹³ Fis-sunt, id-domanda magħmula mill-Kummissjoni lill-ICES kienet ibbażata fuq dan li ġej: jekk is-sajd isir għall-Istokk fil-Mira X (pereżempju l-haddock) fl-Ilmijiet tas-Sajd Imħallat Y, kemm il-qabdiet inċidentali ta' tip ieħor ta' stokk (pereżempju l-bakkaljaw) jispiċċaw fix-xbieki tas-sajjieda tal-Unjoni jekk tinqabad it-TAC massima ta' ħut fil-mira?

¹⁴ Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Marzu 2019 li jstabbilixxi pjan pluriennali għall-istokkijiet mistada fl-Ilmijiet tal-Punent u fl-ilmijiet tal-madwar, u għas-sajd li jisfrutta daww l-istokkijiet, u li jemenda r-Regolamenti (UE) 2016/1139 u (UE) 2018/973, u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 811/2004, (KE) Nru 2166/2005, (KE) Nru 388/2006, (KE) Nru 509/2007 u (KE) Nru 1300/2008 (ĠU 2019, L 83, p. 1) (ir-"Regolament dwar l-Ilmijiet tal-Punent").

15. F'dan il-kuntest fattwali u ġuridiku, il-High Court of Ireland (il-Qorti Għolja, l-Irlanda) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

- “(1) Peress li r-[Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/123] ġie ssostitwit u/jew li l-miżuri nazzjonali ta' eżekuzzjoni skadew, huwa neċessarju li jsir dan ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari?
- (2) L-Anness IA tar-[Regolament tal-2020] huwa invalidu, fid-dawl tal-għanijiet u skopijiet tar-[Regolament Bażiku tal-PKS] u, b'mod partikolari, fid-dawl tal-Artikolu 2(1) u (2) tiegħu, inkluż l-għan imsemmi mit-tieni sentenza tal-Artikolu 2(2), u l-prinċipji ta' governanza tajba stabbiliti fl-Artikolu 3(c) u (d) tar-Regolament [Bażiku tal-PKS] (li jinkludi l-portata sa fejn huwa japplika għall-istokkijiet li għalihom huwa mitlub approċċ ta' prekawzjoni), meta huma jinqraw flimkien mal-Artikoli 9, 10, 15 u 16 [tar-Regolament Bażiku tal-PKS] kif ukoll mal-premessi tiegħu u mal-Artikoli 1, 2, 3, 4, 5, 8 u 10 tar-Regolament (UE) 2019/472 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [tad-19 ta' Marzu 2019] li jstabbilixxi pjan pluriennali għall-istokkijiet mistada fl-Ilmijiet tal-Punent u fl-ilmijiet tal-madwar, u għas-sajd li jisfrutta daww l-istokkijiet, u li jemenda r-Regolamenti (UE) 2016/1139 u (UE) 2018/973, u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 811/2004, (KE) Nru 2166/2005, (KE) Nru 388/2006, (KE) Nru 509/2007 u (KE) Nru 1300/2008 [(ir-“Regolament dwar l-Ilmijiet tal-Punent”)], sa fejn [it-TAC] stabbiliti permezz tar-Regolament [tal-2020] ma jsewewx il-parir li ma jinqabad xejn [għall-MSY] maħruġ mill-[ICES] għal ċerti speċi?”

16. Ġew ippreżentati osservazzjonijiet bil-miktub mir-rikorrenti, mill-Irlanda, mill-Kunsill kif ukoll mill-Kummissjoni Ewropea. Biż-żieda tal-Parlament Ewropew, is-sottomissjonijiet orali ta' dawn il-partijiet instemgħu fis-seduta li nżammet fis-16 ta' Marzu 2023.

III. Analiżi

A. Introduzzjoni

17. Il-qorti tar-rinviju tixtieq tkun taf, essenzjalment, jekk ir-Regolament tal-2020 huwiex validu sa fejn jstabbilixxi opportunitajiet ta' sajd oġġla minn żero għall-erba' stokkijiet inkwistjoni fl-ibħra madwar l-Irlanda¹⁵. Ir-risposta għal din id-domanda tippermetti lil dik il-qorti tiddeċiedi dwar il-validità tal-miżuri nazzjonali ta' allokkazzjoni ta' dawn il-kwoti fl-Irlanda. Madankollu, ir-Regolament tal-2020 jista' jitqies validu biss jekk ġie adottat fil-limiti tas-setgħa diskrezzjonali, jekk inhu l-każ, imħollija lill-Kunsill mil-leġiżlatur tal-Unjoni. Għalhekk, l-analiżi tal-Qorti tal-Ġustizzja għandha tibda bil-kwistjoni dwar jekk ir-Regolament Bażiku tal-PKS iħallix jew le lill-Kunsill is-setgħa diskrezzjonali sabiex jiffissa l-opportunitajiet ta' sajd annwali għall-erba' stokkijiet inkwistjoni fl-ivelli oġġla minn żero. Jekk, kif ser nissuġġerixxi, għandha tingħata risposta negattiva għal din id-domanda, il-Qorti tal-Ġustizzja jkollha, bħala stadju sussegwenti, tevalwa jekk elementi oħra ta' “dritt primarju tal-PKS”, bħar-Regolament dwar l-Ilmijiet tal-Punent, jaffettwawx din il-konklużjoni.

18. Għaldaqstant, l-ewwel ser nindirizza l-qafas tat-Trattat li fih tiżvolġi din il-kawża (B). Hemm ser nispejga għaliex il-validità tar-Regolament tal-2020, kif ukoll il-metodu ta' sħarriġ li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha tapplika sabiex tevalwah, tiddependi mill-interpretazzjoni taż-żewġ

¹⁵ Din kienet il-qalba tat-tieni domanda tal-qorti tar-rinviju li kemm il-Kummissjoni kif ukoll il-Kunsill ipproponew li tiġi fformulata mill-ġdid. Il-Qorti tal-Ġustizzja ma talbitx il-konklużjonijiet tiegħi dwar l-ewwel domanda.

regolamenti inkwistjoni f'din il-kawża: ir-Regolament Bażiku tal-PKS u r-Regolament dwar l-Ilmijiet tal-Punent. Imbagħad ser nindirizza l-interpretazzjoni ta' dawn ir-Regolamenti (C). L-ewwel ser nispjega għaliex naħseb li r-Regolament Bażiku tal-PKS ma kien iħalli ebda setgħa diskrezzjonali lill-Kunsill sabiex jitbiegħed mill-parir dwar il-qbid irċevut f'dan il-każ meta jiġu ddeterminati t-TAC għall-qabdiet inċidentali fis-sajd imħallat (C1). Imbagħad ser neżamina jekk din l-għażla regolamentarja ġietx affettwata mir-Regolament dwar l-Ilmijiet tal-Punent (C2). Huwa biss f'dan l-istadju li ser neżamina l-validità tar-Regolament tal-2020 fid-dawl tal-konklużjonijiet tiegħi (D1). Madankollu, ser nipproponi wkoll lill-Qorti tal-Ġustizzja alternattiva jekk hija ma taqbilx mal-konklużjoni tiegħi li r-Regolament dwar l-Ilmijiet tal-Punent ma kienx jidderoga mill-mandat ċar stabbilit mir-Regolament Bażiku tal-PKS (D2). Peress li fiż-żewġ kawżi nikkonkludi li r-Regolament tal-2020 huwa invalidu, ser nesponi fil-qosor il-ħtieġa li jinżammu madankollu l-effetti ta' dan ir-regolament (E).

B. Il-qafas tat-Trattat u l-livell ta' sħarriġ applikabbli

19. L-Artikolu 43 TFUE jistabbilixxi l-bażi legali għall-adozzjoni ta' miżuri li jistabbilixxu u jimmaniġġjaw il-PKS. L-Artikolu 43(2) jipprovdi l-proċedura leġiżlattiva ordinarja għall-adozzjoni ta' atti leġiżlattivi fil-qasam tas-sajd; din għandha tintuża għad-deċiżjonijiet ta' politika kollha rriżervati għal-leġiżlatur tal-Unjoni¹⁶. Min-naħa tiegħu, l-Artikolu 43(3) TFUE jipprovdi proċedura leġiżlattiva speċjali, li tippermetti lill-Kunsill jadotta atti fuq proposta mill-Kummissjoni. Din id-dispożizzjoni tista' tintuża għall-adozzjoni ta' miżuri speċifiċi elenkati fiha, inkluż l-istabbiliment ta' "opportunitajiet tas-sajd", jiġifieri, l-istabbiliment tat-TAC għal stokk partikolari.

20. Ir-relazzjoni bejn dawn id-dispożizzjonijiet hija kemxejn partikolari¹⁷. Fil-qasam tas-sajd, is-setgħa tal-Kunsill hija bbażata direttament fuq it-Trattat. B'dan il-mod, huwa jista' jadotta miżuri bbażati fuq l-Artikolu 43(3) anki jekk l-ebda att leġiżlattiv taħt l-Artikolu 43(2) TFUE ma jagħtih is-setgħa li jagħmel dan¹⁸. Madankollu, l-Artikolu 43(3) TFUE ma jippermettix lill-Kunsill li jiddetermina għażliet bażiċi ta' politika fil-qasam tal-PKS. Tali għażliet għandhom isiru fil-kuntest tal-proċedura leġiżlattiva prevista fl-Artikolu 43(2) TFUE¹⁹. Jekk il-leġiżlatur stabbilixxa l-għanijiet tal-politika tas-sajd abbażi ta' dan l-artikolu, dawn l-għażliet politiċi jorbtu lill-Kunsill meta jadotta atti taħtu. Għalhekk, anki jekk l-Artikolu 43(2) u (3) TFUE ma humiex relatati ma' xulxin, fil-veru sens tal-kelma, bl-istess mod bħalma huma l-atti bażiċi u l-atti ta' implimentazzjoni, l-atti adottati abbażi tal-Artikolu 43(2) TFUE jiddeterminaw is-setgħat tal-Kunsill li jagħxi skont l-Artikolu 43(3) TFUE²⁰.

¹⁶ Ara, *inter alia*, is-sentenza tas-26 ta' Novembru 2014, Il-Parlament u Il-Kummissjoni vs Il-Kunsill (C-103/12 u C-165/12, EU:C:2014:2400, punt 48).

¹⁷ Il-predeċessur ta' dawn l-artikoli, l-Artikolu 37 tat-Trattat KE, kien jinkludi biss bażi legali waħda għall-adozzjoni tal-atti tal-PKS.

¹⁸ Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-7 ta' Settembru 2016, Il-Ġermanja vs Il-Parlament u Il-Kunsill (C-113/14, EU:C:2016:635, punti 58 u 59). Ara wkoll, b'analoġija, ara wkoll is-sentenza tal-24 ta' Novembru 2022, Il-Parlament vs Il-Kunsill (Miżuri tekniċi dwar l-opportunitajiet tas-sajd) (C-259/21, EU:C:2022:917, punt 74), li tispjega li s-setgħa tal-Kummissjoni li tadotta atti ddelegati abbażi tar-regolamenti bażiċi fil-qasam tas-sajd ma tipprekludix lill-Kunsill milli jadotta, abbażi tas-setgħa tiegħu skont l-Artikolu 43(3) TFUE, miżuri tekniċi dwar kwistjonijiet simili għal dawk koperti mis-setgħa delegata tal-Kummissjoni.

¹⁹ Ara s-sentenza tal-1 ta' Diċembru 2015, Il-Parlament u Il-Kummissjoni vs Il-Kunsill (C-124/13 u C-125/13, EU:C:2015:790, punt 48), fejn kien innotat li "l-adozzjoni ta' dispożizzjonijiet fuq il-bażi tal-Artikolu 43(2) TFUE teħtieġ b'mod obbligatorju li jiġi evalwat jekk dawn id-dispożizzjonijiet humiex 'meħtieġa' sabiex jintlaħqu l-għanijiet marbuta mal-politiki komuni rregolati mit-Trattat FUE, b'tali mod li din l-adozzjoni timplika deċiżjoni politika li għandha tkun irriżervata lil-leġiżlatur tal-Unjoni."

²⁰ Ara s-sentenza tal-1 ta' Diċembru 2015, Il-Parlament u Il-Kummissjoni vs Il-Kunsill (C-124/13 u C-125/13, EU:C:2015:790, punti 54 u 58).

21. Għalhekk, l-evalwazzjoni tal-validità ta' att tal-Kunsill li jiffissa opportunitajiet ta' sajd annwali tibda għalhekk permezz ta' determinazzjoni tal-estent sa fejn il-leġiżlatur tal-Unjoni diġà llegejzla huwa stess f'dan il-qasam skont l-Artikolu 43(2) TFUE²¹. Dan jimplika li għandu jiġi evalwat liema tip ta' setgħa diskrezzjonali, jekk ikun il-każ, il-qafas ta' politika stabbilit mil-leġiżlatur tal-Unjoni jagħti lill-Kunsill.

22. F'dan il-każ hemm inkwistjoni tliet atti: ir-Regolament Bażiku tal-PKS u r-Regolament dwar l-Ilmijiet tal-Punent, taħt l-Artikolu 43(2) TFUE, u r-Regolament tal-2020, taħt l-Artikolu 43(3) TFUE.

23. Waqt l-eżami tal-validità tar-Regolament tal-2020 fid-dawl tar-Regolament Bażiku tal-PKS u tar-Regolament dwar l-Ilmijiet tal-Punent, il-metodu ta' eżaminazzjoni li għandu jiġi applikat mill-Qorti tal-Ġustizzja jvarja skont jekk id-“deċiżjoni” kkontestata (jiġifieri d-deċiżjoni li jiġu ffixxati TAC għall-erba' stokkijiet inkwistjoni b'rata oġġla minn żero) taqax jew le taħt il-marġni ta' diskrezzjoni mogħtija lill-Kunsill. Kieku l-leġiżlatur tal-Unjoni ma tax lill-Kunsill l-għażla li jagħmel kwalunkwe eżerċizzju ta' bilanċjar matul id-determinazzjoni u l-allokazzjoni tat-TAC mis-sena 2020 'il quddiem, allura is-sempliċi konstatazzjoni li l-Kunsill tbiegħed minn din l-għażla leġiżlattiva twassal għall-invalidità tad-deċiżjoni tiegħu. Għall-kuntrarju, kieku l-Kunsill seta' leġittimament jibbilanċja l-għan li jilħaq il-MSY għal qabdiet inċidentali f'sajd imħallat ma' għanijiet oħra tal-PKS u jitbiegħed, jekk hemm bżonn, mill-parir dwar ebda TAC maħruġ mill-ICES, allura l-validità tad-deċiżjoni tiegħu tkun tiddependi mill-kwistjoni dwar jekk din qabzix il-limiti tas-setgħa diskrezzjonali mogħtija lilu²². Il-livell ta' skrutinju li għandu jkun applikat mill-Qorti tal-Ġustizzja għandu, f'dan it-tip ta' każ, jiddependi mill-estent tas-setgħa diskrezzjonali mogħtija lill-Kunsill kif ukoll mill-kumplessità tal-evalwazzjoni li l-Kunsill kellu jagħmel²³.

24. Il-kwistjoni prinċipali tirrigwarda għalhekk id-determinazzjoni tal-portata tal-marġni ta' manuvra mogħtija mil-leġiżlatur tal-Unjoni lill-Kunsill f'dak li jirrigwarda l-iffissar tat-TAC għal qabdiet inċidentali fis-sajd imħallat.

²¹ Kif spjegat il-Qorti tal-Ġustizzja, il-Kunsill għandu mhux biss jaġixxi fil-limiti tas-setgħat mogħtija lilu mill-Artikolu 43(3) TFUE iżda wkoll fil-qafas impost mid-dritt primarju tal-PKS. Ara s-sentenza tal-1 ta' Diċembru 2015, Il-Parlament u Il-Kummissjoni vs Il-Kunsill (C-124/13 u C-125/13, EU:C:2015:790, punti 58 u 59).

²² Fl-istess sens, ara l-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Wahl fil-kawża magħquda Il-Parlament u Il-Kummissjoni vs Il-Kunsill (C-124/13 u C-125/13, EU:C:2015:337, punt 89), fejn ġie nnotat li “[i]l-marġni diskrezzjonali (sew jekk iktar jew inqas) li jgawdi l-Kunsill fl-adozzjoni ta' miżuri skont l-Artikolu 43(3) TFUE tiddependi minn kemm il-leġiżlatur iddeċieda li jħallilha libertà”.

²³ Ara, pereżempju, is-sentenza tat-30 ta' April 2019 L-Italja vs Il-Kunsill (Kwota ta' pixxispad tal-Mediterran) (C-611/17, EU:C:2019:332, punti 57 u 58 u l-ġurisprudenza ċċitata).

C. Interpretazzjoni tad-dritt primarju tal-PKS

1. Il-qafas ta' politika tar-Regolament Bażiku tal-PKS

25. Ir-Regolament Bażiku tal-PKS jikkostitwixxi t-tweġiba tal-leġiżlatur tal-Unjoni għas-sajd eċċessiv fl-ilmijiet tal-Unjoni. Fil-Green Paper tagħha tal-2009, qabel il-proposta għal Regolament Bażiku tal-PKS, il-Kummissjoni sabet li “il-PKS [preċedenti] ma ħadmitx tajjeb biżżejjed” u wissiet li viżjoni ekoloġika u sostenibbli tal-PKS “hija l bogħod ħafna mir-realtà attwali ta' sajd żejjed [...] u tnaqqis fil-volum ta' ħut maqbud mis-sajjieda Ewropej”²⁴.

26. Għalhekk, fil-proposta leġiżlattiva tagħha, il-Kummissjoni spjegat li l-għan ġenerali tal-qafas previst “huwa li jiġu żgurati attivitajiet ta' sajd u akkwakultura li jipprovdu kundizzjonijiet ambjentali sostenibbli fit-tul u li jikkontribwixxu għad-disponibbiltà tal-provvisti tal-ikel.”²⁵ Fi kliem ieħor, ir-Regolament Bażiku tal-PKS ġie propost biex il-PKS tiġi orjentata mill-ġdid lejn l-għan fit-tul tal-attivitajiet tas-sajd *sostenibbli*.

27. Din l-għażla ta' politika hija espressa fl-Artikolu 2 tar-Regolament Bażiku tal-PKS. Filwaqt li jiddefinixxi l-għanijiet tal-PKS (riveduta), l-Artikolu 2(1) ta' dan ir-regolament jenfasizza l-hteġa ta' perspettiva fit-tul u jirreferi kemm għat-tħassib ambjentali kif ukoll għat-tħassib soċjoekonomiku. F'dan ir-rigward, huwa jipprovdi li l-PKS għandha l-għan li tiżgura li “l-attivitajiet tas-sajd u tal-akkwakultura jkunu ambjentalment sostenibbli *fit-tul* u jkunu ġestiti b'tali mod li jkun konsistenti mal-oġettivi li jinkisbu benefiċċji ekonomiċi, soċjali u tal-impjiegi”²⁶.

28. L-Artikolu 2(2) tar-Regolament Bażiku tal-PKS jipprovdi li l-ġestjoni tas-sajd “għandha tfittex li tiżgura li l-isfruttament ta' riżorsi bijoloġiċi ħajjin tal-baħar jirripristinna l-popolazzjonijiet tal-ispeċijiet mistada u jżommhom *'il fuq minn livelli li jistgħu jipproduċu r-rendiment massimu sostenibbli*”²⁷. It-tieni subparagrafu tal-Artikolu 2(2) imbagħad iżid d-data mmirata għall-otteniment ta' tali għan: “sal-2015 u, fuq bażi progressiva u inkrementali *sa mhux aktar tard mill-2020 għall-istokkijiet kollha*.”²⁸ L-Artikolu 2(5) ta' dan ir-regolament sussegwentement jistabbilixxi għanijiet oħra tal-PKS, inkluż dak li “tipprovdi kondizzjonijiet għal industrija tas-sajd għall-qbid [...] ekonomikament vijabbli u kompetittiva” (Artikolu 2(5)(c)) u li “tikkontribwixxi għal standard tal-għajxien ġust għal dawk li jiddipendu mill-attivitajiet tas-sajd, filwaqt li jittieħed kont tas-sajd kostali u l-aspetti soċjoekonomiċi” (Artikolu 2(5)(f)).

29. B'mod ġenerali, l-Artikolu 2 tar-Regolament Bażiku tal-PKS ċertament jippermetti li jiġu bbilanċjati l-ideali kompetituri ta' sostenibbiltà u ta' ġestjoni tas-sajd, minn naħa, mal-għanijiet ekonomiċi u soċjali tal-komunitajiet li jiddependu mill-baħar għall-għajxien tagħhom, min-naħa

²⁴ Green Paper tal-Kummissjoni, Riforma tal-Politika Komuni tas-Sajd (COM(2009)163 finali), 22 ta' April 2009, p. 4 u 5. Din ma kinitx l-ewwel darba li l-Kummissjoni kienet iddisprata dwar l-istat tar-riżorsi tal-ħut tal-Unjoni Ewropea: fpubblikazzjoni tal-1994, din l-istitutzzjoni kkonstatat li “wisq sajjieda qegħdin jiġru wara ftit wisq ħut, u qegħdin jinqabdu wisq ħut immatur żgħir. Iż-żieda fid-domanda pubblika, il-pessjoni fuq is-sajjieda biex ikopru ż-żieda fl-ispejjeż tal-investiment u l-iżvilupp ta' tagħmir dejjem aktar sofistikati bħas-sonar u r-radar, li huma kapaċi jillokalizzaw b'mod aktar preċiż il-ġlejjeb tal-ħut, żiedu l-pessjoni fuq riżorsa skarsa” [traduzzjoni mhux uffiċjali] (Kummissjoni Ewropea, Direttorat Ġenerali għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd, Segretarjat Ġenerali, *Il-Politika Komuni tas-Sajd il-Ġdida*, Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet, 1994, p. 13).

²⁵ Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Politika Komuni tas-Sajd (COM(2011) 425 finali), 13 ta' Lulju 2011, p. 6.

²⁶ Enfasi miżjuda minni.

²⁷ Enfasi miżjuda minni.

²⁸ Enfasi miżjuda minni.

l-oħra. Meta jkun b'hekk inkarigat li jiddetermina u li jalloka l-opportunitajiet ta' sajd, il-Kunsill għandu bħala prinċipju ċertu marġni ta' setgħa diskrezzjonali sabiex jibbilanċja l-interessi li jikkompetu inerenti fl-Artikolu 2 tar-Regolament Bażiku tal-PKS.

30. Madankollu, fil-fehma tiegħi, mill-2020, l-Artikolu 2(2) tar-Regolament Bażiku tal-PKS neħħa lill-Kunsill l-elementi ta' setgħa diskrezzjonali relatati mad-deċiżjoni li jiġi ddeterminat jekk u sa meta għandhom jintlaħqu l-livelli MSY għall-istokkijiet koperti mir-Regolament Bażiku tal-PKS. Fil-fatt, inqis li, billi stabbilixxa terminu fiss, il-leġiżlatur tal-Unjoni ried jipprekludi lill-Kunsill milli jqiegħed l-interessi ekonomiċi fuq medda qasira ta' żmien qabel l-għan ġenerali fit-tul li jiġu rrestawrati u miżmuma progressivament il-popolazzjonijiet tal-istokkijiet tal-ħut 'il fuq mil-livelli ta' bijomassa li jistgħu jipproduċu l-MSY. Il-leġiżlatur tal-Unjoni ttratta din il-kwistjoni b'mod simili għal wegħda ta' "daqshekk ċikkulata minn nhar it-Tnejn"; peress li, jekk nhar it-Tnejn ma huwiex mifhum bħala terminu definittiv, wieħed jibqa' jiekol iċ-ċikkulata u t-Tnejn qatt ma jasal.

31. Sabiex jiggarantixxi din ir-responsabbiltà, l-Artikolu 2(2) tar-Regolament Bażiku tal-KPS jorbot lill-Kunsill b'żewġ modi. L-ewwel, l-għan tal-MSY ma jistax jiġi evitat *wara s-sena 2020* (a). It-tieni, dan l-għan jikkonċerna *l-istokkijiet kollha*, mingħajr distinzjoni, irrispettivament minn jekk humiex indikati jew le f'ċerti operazzjonijiet tas-sajd bħala "stokk fil-mira" jew "qabdiet inċidentali" (b).

a) Is-sena 2020 bħala data fissa

32. Għas-sena 2020, l-Artikolu 2(2) tar-Regolament Bażiku tal-PKS jidher li jstabbilixxi data fissa, dik tal-2020. B'dan il-mod, din id-dispożizzjoni tipprekludi li d-deċiżjoni leġiżlattiva intiża li twettaq MSY tiġi eskluża mis-sena 2020. Fi kliem ieħor, sa dik is-sena, kien għadu possibbli li l-għan li jintlaħaq MSY jiġi bbilanċjat ma' għanijiet soċjoekonomiċi oħra. Madankollu, minn dik is-sena, din il-possibbiltà sparixxiet, u magħha s-setgħa diskrezzjonali tal-Kunsill li jitbiegħed mill-għan intiż li jilħaq il-MSY meta jiffissa t-TAC annwali tiegħu. Fi kliem ieħor, skont l-Artikolu 2(2) tar-Regolament Bażiku tal-PKS, il-leġiżlatur tal-Unjoni jidher li ried jeskludi l-pressjonijiet soċjoekonomiċi għal żmien qasir mill-kisba ta' għanijiet ta' sostenibbiltà fit-tul wara l-2020.

33. Din l-interpretazzjoni hija kkorroborata mill-premessa 7 tar-Regolament Bażiku tal-PKS, li tgħid li l-kisba tar-rati ta' sfruttament tal-MSY tista' tiġi posposta għall-iskadenza tad-data mmirata inizjali tal-2015, jekk it-twettiq tagħhom ikun ta' natura li jikkomprometti serjament il-vijabbiltà soċjali u ekonomika tal-flotot tas-sajd ikkonċernati. Il-konsegwenza ta' dan hija li, wara l-2020, tali preokkupazzjonijiet ma jistgħux jibqgħu jittieħdu inkunsiderazzjoni.

34. Fil-fehma tiegħi, l-esklużjoni tal-għan tal-MSY mill-ibbilanċjar li jagħmel il-Kunsill fl-iffissar tal-opportunitajiet tas-sajd annwali huwa wkoll konformi mal-"għan ewlieni u globali" (kif indika l-Kunsill fl-osservazzjonijiet bil-miktub tiegħu), stabbilit fl-Artikolu 2(1) tar-Regolament Bażiku tal-PKS. Dan jirrikjedi li s-sajd ambjentalment sostenibbli jitwettaq *fit-tul*. Fil-passat, il-Kummissjoni stess osservat li s-sajd fil-livelli tal-MSY huwa effettivament *iktar* profittabbli għall-industrija tas-sajd fit-tul milli l-kompromess kontinwu ta' dawn il-livelli²⁹. Għalhekk, is-separazzjoni tal-għanijiet soċjoekonomiċi għal żmien qasir mid-deċiżjonijiet dwar il-miżuri

²⁹ Ara, f'dan is-sens, il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill u l-Parlament Ewropew, L-Implimentazzjoni tas-Sostenibbiltà fis-sajd fl-Unjoni permezz tar-rendiment massimu sostenibbli (COM(2006) 360 finali), 4 ta' Lulju 2006, punt 2.2. "Is-sajd fuq livelli tal-MSY inaqas l-ispejjeż u jżid il-profitt għall-industrija tas-sajd, peress li l-ammont ta' sforz (u l-ispejjeż relatati, bħal dawk tal-fjuwil) meħtieġ għal kull tunnellata ta' ħut jonqos. L-għażliet għall-Istati Membri u għal min jagħmel flusu mis-sajd isiru iktar faċli meta iktar ħut ikun jista' jinqabad u jkun hemm iktar ġid mixrud fost l-industrija tas-sajd". [traduzzjoni mhux uffċjali]

intiżi sabiex jintlaħaq l-għan tal-MSY isservi, fuq medda twila ta' żmien, mhux biss għall-għanijiet ambjentali tal-PKS, iżda wkoll għall-għanijiet ekonomiċi, soċjali, fil-qasam tal-impjeg u tal-provvista tal-ikel.

35. Waqt is-seduta, ir-rikorrenti pproponiet li din il-konklużjoni hija sostnuta wkoll minn elementi kuntestwali fi ħdan ir-Regolament Bażiku tal-PKS. F'dan ir-rigward, nixtieq niġbed l-attenzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja għar-riferimenti li saru għall-Artikolu 2(2) tar-Regolament Bażiku tal-PKS f'dispożizzjonijiet oħra ta' dan ir-regolament: din id-dispożizzjoni hija speċifikament imsemmija kull meta dan ir-regolament jidher li jipprevedi stil speċifiku ta' ġestjoni tas-sajd li għalih ma għandu jsir l-ebda bilanċjar addizzjonali. Għalhekk, l-Artikolu 16(4) tar-Regolament Bażiku tal-PKS, li jirregola l-mod kif l-opportunitajiet tas-sajd huma stabbiliti, jirreferi biss għall-Artikolu 2(2) ta' dan ir-regolament. Mill-banda l-oħra, ir-riferiment iktar ġenerali għall-Artikolu 2 tiegħu jintuża kull meta approċċ li jibbilanċja l-għanijiet *kollha* tal-PKS jidher necessarju³⁰.

b) "*L-istokkijiet kollha*"

36. L-għan tal-MSY li għandu jintlaħaq sal-2020 japplika, skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 2(2) tar-Regolament Bażiku tal-PKS, għall-"*istokkijiet kollha*"³¹. Għalhekk, sempliċi qari ta' din id-dispożizzjoni u tar-riferiment għall-indikazzjoni li jkun hemm stabbilit obbligu ċar u vinkolanti li jsir sajd għall-"*istokkijiet kollha*" (jiġifieri kemm il-qabdiet fil-mira kif ukoll il-qabdiet inċidentali), mingħajr differenza, fil-livell ta' MSY mill-2020³². Jiena naqbel mal-pożizzjoni tar-rikorrenti li skontha ma jeżisti ebda mod kredibbli sabiex din id-definizzjoni tinqara b'mod differenti, għaliex altrimenti, il-Qorti tal-Ġustizzja, tkun qiegħda, b'mod involontarju, tikteb mill-ġdid id-definizzjoni ta' "stokk", kif tinsab fir-Regolament Bażiku tal-PKS³³. Konsegwentement, qari sempliċi tal-Artikolu 2(2) tar-Regolament Bażiku tal-PKS ma jippermettix id-distinzjoni bejn l-istokk "fil-mira" u l-istokk ta' "qabdiet inċidentali", li l-Kunsill jipprova jstabbilixxi fir-Regolament tal-2020.

37. Sabiex nasal għal din il-konklużjoni ninsab sostnut ukoll mill-pożizzjoni tal-Parlament li, waqt is-seduta, sostna li *ebda eċċezzjoni* għal din ir-regola ma tista' tiġi interpretata b'mod realistiku fl-Artikolu 2(2) tar-Regolament Bażiku tal-PKS, kemm fi ħdan din id-dispożizzjoni kif ukoll fi ħdan partijiet oħra ta' dan ir-regolament.

³⁰ Bl-eċċezzjoni tal-Artikolu 16 tar-Regolament Bażiku tal-KPS, id-dispożizzjonijiet dwar il-prinċipji u l-għanijiet tal-pjanijiet pluriennali (Artikolu 9) u l-ġestjoni tal-istokkijiet ta' interess komuni (Artikolu 33) jirreferu speċifikament għall-Artikolu 2(2) tar-Regolament Bażiku tal-PKS u għalhekk jistgħu jinqraw bħala li jimponu s-sostenibbiltà ambjentali bħala mod ta' funzjonament. Peress li ma sar l-ebda riferiment ieħor għal għanijiet oħra ta' bilanċjar, ma nara l-ebda sostenn għall-argument li l-Kunsill għandu setgħa diskrezzjonali biex jibbilanċja l-mira tal-MSY għall-2020 u għanijiet oħra. Hemm kuntrast ma', pereżempju, miżuri ta' konservazzjoni (Artikoli 6 u 11); il-kontenut tal-pjanijiet pluriennali (Artikolu 10); miżuri nazzjonali (Artikoli 19 u 20); l-obbligi tal-organizzazzjoni internazzjonali tas-sajd tal-Unjoni Ewropea (Artikolu 29); l-organizzazzjoni tas-suq komuni tas-sajd (Artikolu 35); jew assistenza finanzjarja mill-Unjoni Ewropea (Artikolu 40). Meta dawn id-dispożizzjonijiet jirreferu lura għall-għanijiet tal-PKS, huma jagħmlu dan b'mod ġenerali fl-Artikolu 2 tar-Regolament Bażiku tal-PKS, u għalhekk għall-għanijiet kollettivi kompetituri li jinsabu fih. Hawnhekk, ikolli nġhid, il-Kunsill għandu ċertu marġni ta' diskrezzjoni sabiex jibbilanċja dawn l-interessi kompetituri li huwa jqis neċessarji.

³¹ Enfasi miżjuda minni.

³² Ma hemm l-ebda argument serju li jispjega bidla fit-tifsira lingwistika tat-test bejn l-2013 u llum; ma għandniex quddiemna statut miż-żmien tar-Renju ta' Enriku VII, li eżempju magħruf tiegħu eżiga li membru tad-dar tar-Re akkużat b'konfossa għall-qtal tar-Re jew kwalunkwe Lord mir-Renju jiġi ġġudikat minn ġurija ta' "twelve sad men". Bħalma spjega Lord Leggatt: "il-kelma 'sad' hemm tfigħer sobri u diskret. Ikon absurd meta s-sens ordinarju tal-kelma jinbidel sussegwentement sabiex l-istatut ikun interpretat fis-sens li jeħtieġ ġurija li tikkonsisti minn tna-x-il persuna mdejqa". [traduzzjoni libera] United Kingdom Supreme Court (il-Qorti Suprema tar-Renju Unit), News Corporation UK & Ireland Ltd (Appellant) v Commissioners for His Majesty's Revenue and Customs (Respondent), [2023] UKSC 7, punt 82.

³³ L-Artikolu 4(14) tar-Regolament Bażiku tal-PKS jirreferi għal "stokk" bħala "riżorsa bijoloġika tal-baħar li tkun tinsab f'żona ta' ġestjoni partikolari".

c) *L-Artikolu 2(2) tar-Regolament Bażiku tal-PKS għandu jingħata interpretazzjoni differenti fir-rigward tas-sajd imħallat?*

38. Bħala prinċipju, il-Kunsill u l-Kummissjoni jaqblu mal-interpretazzjoni ta' hawn fuq ta' għan vinkolanti li għalih ma tapplika l-ebda deroga. Madankollu, l-argument tagħhom, ibbażat fuq qari tal-Artikolu 2(2) tar-Regolament Bażiku tal-PKS fis-sens li l-implimentazzjoni kemm ta' portata riġida ("l-istokkijiet kollha") kif ukoll ta' data ta' tmiem (is-sena 2020) għas-sajd tal-erba' stokkijiet inkwistjoni, iwassal għal problemi prattiċi insostenibbli. B'mod partikolari, dawn il-partijiet isostnu li, minħabba l-kombinazzjoni ta' sajd imħallat, TAC ta' ebda qbid u l-obbligu ta' ħatt l-art, il-fatt li ma tkun permessa ebda deroga mill-għan tal-MSY tal-2020 għall-istokkijiet ta' ebda qbid ikollu l-effett ta' "choke" fuq il-flotot tas-sajd li joperaw fil-kuntest tas-sajd imħallat. Konsegwentement, l-Artikolu 2(2) tar-Regolament Bażiku tal-PKS għandu jiġi interpretat bħala li jawtorizza l-esklużjoni tal-qabdiet inċidentali mill-obbligu MSY fis-sajd imħallat, jekk l-iffissar ta' miri għal ebda qbid għal dawn l-istokkijiet ikun jeħtieġ li l-flotot iwaqqfu qabel iż-żmien l-operazzjonijiet tas-sajd tagħhom għall-ħut fil-mira.

39. Jiena tal-fehma li t-test tar-Regolament Bażiku tal-PKS ma jipproponix il-possibbiltà ta' tali interpretazzjoni. Meta ġew mistiedna waqt is-seduta, il-parteċipanti ma setgħux jindikaw artikolu speċifiku li kien jagħti tali possibbiltà li ssir tali distinzjoni. Fil-fatt, ir-Regolament Bażiku tal-PKS kollu jsemmi biss darbtejn "qabdiet inċidentali", u biss f'postijiet li ma humiex marbuta mal-kwistjoni dwar jekk l-obbligu MSY għandux japplika jew le għall-qabdiet inċidentali fis-sajd imħallat³⁴. Barra minn hekk, ir-riferiment, fl-Artikolu 16(4) tar-Regolament Bażiku tal-PKS, li "[l]-opportunitajiet tas-sajd għandhom jiġu stabbiliti b'mod konsistenti mal-oġettivi stabbiliti fl-Artikolu 2(2)" juża l-kwalifikatur "b'mod konsistenti ma" preċiżament biex juri rabta obligatorja bejn l-iffissar tat-TAC u jiżgura li l-livell tal-MSY jintlaħaq sa mhux iktar tard mis-sena 2020 għall-istokkijiet kollha. Għalhekk, lanqas din id-dispożizzjoni ma tistabbilixxi differenza bejn l-istokk "fil-mira" u l-istokk ta' "qabdiet inċidentali".

40. L-obbligu ta' ħatt l-art, invokat minn ċerti parteċipanti, ma jistax jiġi invokat sabiex jippermetti t-trattament differenti tal-qabdiet inċidentali fis-sajd imħallat. Dan huwa kkorroborat mill-premessa 32 tar-Regolament Bażiku tal-PKS, li tispjega li żieda fit-TAC minħabba l-obbligu ta' ħatt l-art għandha tkun possibbli biss "soġġett għal parir xjentifiku u *mingħajr ma jiġu pperikolati l-oġettivi tar-rendiment massimu sostenibbli*"³⁵. Għal darb'oħra, ma hija prevista l-ebda differenza bejn dawn iż-żewġ stokkijiet.

41. Il-possibbiltà li ssir distinzjoni bejniethom lanqas ma tista' tkun ibbażata b'mod realistiku fuq l-Artikolu 9(5) tar-Regolament Bażiku tal-PKS, kif l-Irlanda nnotat. Dan ser nispjegah waqt l-evalwazzjoni tal-impatt tar-Regolament dwar l-Ilmijiet tal-Punent (ara l-punt 47 ta' dawn il-konklużjonijiet).

³⁴ Ir-Regolament Bażiku tal-PKS jirreferi għall-"qabdiet inċidentali" fil-premessa 29 tiegħu meta wieħed jtkellem dwar il-possibbiltà li l-Istati Membri jgħoddu l-"ispeċijiet maqbuda inċidentalment meta mqabbla mal-kwota tal-ispeċijiet immirati". Din il-faċilità tinsab, min-naħa tagħha, fl-Artikolu 15(8) tar-Regolament Bażiku tal-PKS u tippermetti lill-Istati Membri jnaqqsu mill-kwota tagħhom tal-istokk fil-mira "il-qabdiet ta' speċijiet li huma soġġetti għal obbligu ta' ħatt l-art u li huma maqbudin f'eċċess ta' kwoti għall-istokkijiet inkwistjoni, jew qabdiet ta' speċijiet li fir-rigward tagħhom l-Istat Membru m'għandu l-ebda kwota... [sakemm] l-istokk tal-ispeċijiet mhux fil-mira jkun f'limiti bijoloġiċi siguri." Madankollu, kif ġie spjegat iktar 'il fuq, u kif ikkonfermaw il-Kunsill u l-Kummissjoni waqt is-seduta, il-parir tal-ICES għall-erba' stokkijiet inkwistjoni juri li ebda wieħed minn dawn l-istokkijiet ma kien jilħaq limiti bijoloġiċi siguri għas-sena 2020 anki jekk ebda TAC ma kien ġie ffixsat għalihom. Fi kliem ieħor, f'dan il-każ, anki l-użu tal-Artikolu 15(8) tar-Regolament Bażiku tal-PKS - kieku dan kien is-sors tal-allegat setgħa diskrezzjonali tal-Kunsill - ma kienx ikun disponibbli.

³⁵ Enfasi miżjuda minni.

d) Konklużjoni interim

42. Sabiex nikkonkludi, l-Artikolu 2(2) tar-Regolament Bażiku tal-PKS jorbot lill-Istati Membri li jistadu fil-livelli tal-MSY sa mhux iktar tard mill-2020 għall-istokkijiet kollha, *mingħajr eċċezzjoni*. Konsegwentement, ir-Regolament Bażiku tal-PKS ma ħalla ebda setgħa diskrezzjonali lill-Kunsill sabiex jitbiegħed mill-obbligu tal-MSY fil-qasam tal-qabdiet incidentalni fl-iffissar tal-opportunitajiet tas-sajd fis-sajd imħallat.

2. L-impatt tar-Regolament dwar l-Ilmijiet tal-Punent

43. Ir-Regolament dwar l-Ilmijiet tal-Punent huwa pjan pluriennali, skont it-tifsira tal-Artikolu 7(1)(a) tar-Regolament Bażiku tal-PKS, adottat abbażi tal-Artikolu 43(2) TFUE. Skont l-Artikolu 9(1) tar-Regolament Bażiku tal-PKS, tali pjanijiet huma intiżi li jiggarrantixxu l-għan li jikkonsisti f'li "l-istokkijiet tal-ħut jiġu ripristinati u jinżammu 'l fuq minn livelli li jkunu kapaċi jipproduċu rendiment massimu sostenibbli f'konformità mal-Artikolu 2(2)". Għalhekk, filwaqt li dawn il-pjanijiet huma importanti sabiex jintlaħqu l-għanijiet tal-PKS, b'mod partikolari għaliex jibbilanċjaw il-prinċipji ewlenin ta' konservazzjoni u ta' sostenibbiltà u l-għanijiet soċjoekonomiċi³⁶, il-pjanijiet pluriennali ma humiex intiżi li jemendaw l-għan tal-MSY għall-2020 tal-Artikolu 2(2) tar-Regolament Bażiku tal-PKS, iżda pjuttost li jippermettu li dan jintlaħaq.

44. Ir-Regolament dwar l-Ilmijiet tal-Punent jistabbilixxi pjan pluriennali għall-ġestjoni tal-Ilmijiet tal-Punent, inkluż madwar l-Irlanda³⁷. L-Artikolu 1(1) ta' dan ir-regolament jelenka t-tipi ta' stokkijiet tal-ħut tal-qiegħ li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tiegħu. Madankollu, skont l-Artikolu 1(4) tiegħu, dan ir-regolament japplika wkoll għall-qabdiet incidentalni mhux elenkati maqbuda waqt is-sajd tat-tipi preċedenti ta' stokkijiet³⁸. Minħabba din id-distinzjoni, l-Artikoli 4 u 5 tar-Regolament dwar l-Ilmijiet tal-Punent jiddistingwu wkoll bejn l-għanijiet għall-istokk "fil-mira"³⁹ u l-istokk ta' "qabdiet incidentalni", rispettivament. Għal dan tal-aħħar, huwa previst li l-ġestjoni tas-sajd imħallat fir-rigward tal-istokkijiet tal-qabdiet incidentalni "għandha tqis id-diffikultà li jinqabdu l-istokkijiet kollha tal-MSY fl-istess ħin, b'mod partikolari f'sitwazzjonijiet fejn dan iwassal għal għeluq prematur tas-sajd".

45. Din id-dispożizzjoni tista' tinftiehem bħala li temenda l-konstatazzjoni (ara l-punt 42 ta' dawn il-konklużjonijiet) li r-Regolament Bażiku tal-PKS jipprevedi li "l-istokkijiet kollha" għandhom jinqabdu fil-livell MSY mill-2020, kemm jekk jinqabdu bħala stokk "fil-mira" kif ukoll bħala stokk ta' "qabdiet incidentalni"? Fil-fehma tiegħi, dan ma huwiex il-każ.

³⁶ Ara l-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Wahl fil-kawża magħquda Il-Parlament u Il-Kummissjoni vs Il-Kunsill (C-124/13 u C-125/13, EU:C:2015:337, punt 73).

³⁷ Il-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Ilmijiet tal-Punent huwa ddefinit fl-Artikolu 2(1) tiegħu.

³⁸ Mill-erba' stokkijiet inkwistjoni f'din il-kawża, tip wieħed biss ta' stokk (il-merluzz (Gadus morhua) fid-diviżjonijiet 7e-k tal-ICES), huwa elenkat fl-Artikolu 1(1) tar-Regolament dwar l-Ilmijiet tal-Punent. Dan ifisser li dan ir-regolament japplika għat-tliet stokkijiet kontenżjużi l-oħra biss bħala qabdiet incidentalni, skont l-Artikolu 1(4) tar-Regolament dwar l-Ilmijiet tal-Punent.

³⁹ Skont l-Artikolu 4 tar-Regolament dwar l-Ilmijiet tal-Punent, meta jinstadu bħala mmirati, l-istokkijiet għandhom jilhqgħu l-għan tal-MSY tal-2020.

a) Ir-Regolament dwar l-Ilmijiet tal-Punent bħala espressjoni tal-Artikolu 9(5) tar-Regolament Bażiku tal-PKS

46. Waqt is-seduta, l-Irlanda ssuġġerixxiet li r-Regolament dwar l-Ilmijiet tal-Punent jikkostitwixxi espressjoni tal-possibbiltà, li tinsab fl-Artikolu 9(5) tar-Regolament Bażiku tal-PKS, li l-pjanijiet pluriennali “jindirizzaw il-problemi speċifiċi ta’ sajd imħallat fir-rigward tal-kisba tal-obiettivi stipulati fl-Artikolu 2(2) għat-taħlita ta’ stokkijiet koperti mill-pjan f’każijiet fejn il-parir xjentifiku jindika li ma jistgħux jinkisbu żidiet fis-selettività.”

47. Irrispettivament minn jekk dan huwiex il-każ jew le, ma nistax nara l-Artikolu 9(5) tar-Regolament Bażiku tal-PKS bħala li jippermetti lill-pjanijiet pluriennali jitbiegħdu mill-għan tal-MSY għall-2020 li jinsab fl-Artikolu 2(2) tiegħu għall-każ partikolari tas-sajd imħallat. Dan mhux biss imur kontra l-formulazzjoni ċara ta’ din id-dispożizzjoni, iżda jmur ukoll kontra l-għan tal-użu ta’ din il-formulazzjoni. Li ċerti stokkijiet jitħallew jinqabdu bħala “qabdiet incidental” minkejja pariri xjentifiċi dwar ebda TAC ifisser li l-Kunsill jista’ jistabbilixxi opportunitajiet tas-sajd bi ksur tal-prinċipji stess ta’ governanza tajba li l-leġiżlatur tal-Unjoni ried jistabbilixxi fil-ġestjoni tal-PKS⁴⁰. Konsegwentement, il-possibbiltà, li tinsab fl-Artikolu 9(5) tar-Regolament Bażiku tal-PKS, li l-pjanijiet pluriennali jistgħu jipprovdu għanijiet u miżuri ta’ konservazzjoni speċifiċi sabiex jiġu indirizzati ċerti problemi marbuta mas-sajd imħallat ma tistax taġixxi bħala strument li jippermetti lill-Kunsill jirtira qabdiet incidental mill-mira tal-MSY stabbilita fl-Artikolu 2(2) tar-Regolament Bażiku tal-PKS.

b) Ir-Regolament dwar l-Ilmijiet tal-Punent emenda r-Regolament Bażiku tal-PKS?

48. Fl-osservazzjonijiet bil-miktub tagħhom, il-Kunsill u l-Kummissjoni jispjegaw li r-Regolament dwar l-Ilmijiet tal-Punent huwa kemm l-att l-iktar reċenti u kif ukoll l-iktar speċifiku, b’tali mod li r-regoli interpretattivi *lex posterior derogat legi priori* jew *lex specialis derogat legi ġenerali* jippermettu li jiġi konkluż li r-Regolament dwar l-Ilmijiet tal-Punent jipprevali fuq ir-Regolament Bażiku tal-PKS. Fil-fatt, dawn il-massimi spiss isolvu l-kunflitt ta’ żewġ regoli ta’ livell ġerarkiku ugwali fis-sistemi ġuridiċi tal-Istati Membri, u ma huwiex ikkontestat li kemm ir-Regolament Bażiku tal-PKS kif ukoll ir-Regolament dwar l-Ilmijiet tal-Punent huma adottati abbażi tal-istess Artikolu 43(2) TFUE.

49. Madankollu, l-ewwel, id-dritt tal-Unjoni ma jinkludix ġerarkija ċara fost ir-regoli legali sekondarji tagħha⁴¹. It-tieni, ma jidhirlix li huwa għaqli li jiġu applikati dawn it-tipi ta’ regoli ta’ interpretazzjoni mekkanikament u mingħajr ma jiġu osservati r-raġuni u l-kontenut taż-żewġ normi mqabbla. F’dan ir-rigward, anki jekk huwa bbażat fuq l-istess dispożizzjoni tat-Trattat, ma jidhirlix li pjan pluriennali jista’ jkun ta’ natura daqstant konvinċenti daqs ir-Regolament Bażiku tal-PKS innifsu. Dan tal-aħħar huwa, fil-fatt, l-istess leġiżlazzjoni li tistabbilixxi l-qafas li fih għandhom joperaw il-pjanijiet pluriennali. Konsegwentement, għalkemm ma jista’ jkun hemm ebda ġerarkija bbażata fuq il-bażi legali fil-livell tad-dritt primarju bejn iż-żewġ regolamenti, ċertament teżisti ġerarkija prevista fil-livell tad-dritt sekondarju.

⁴⁰ Il-prinċipji ta’ governanza tajba, li fid-dawl tagħhom il-PKS “għandha tkun” iggwidata, jirrikjedu, f’konformità mal-Artikolu 3(1)(c) tar-Regolament Bażiku tal-PKS, “l-istabbiliment ta’ miżuri skont l-aħjar parir xjentifiku disponibbli”.

⁴¹ Ara, b’analoġija, is-sentenza tat-8 ta’ Diċembru 2020, L-Ungerija vs Il-Parlament u Il-Kunsill (C-620/18, EU:C:2020:1001, punt 119), li tfakkar li “l-legalità interna ta’ att tal-Unjoni ma tistax tiġi eżaminata fid-dawl ta’ att ieħor tal-Unjoni tal-istess livell leġiżlattiv, ħlief jekk ikun ġie adottat b’applikazzjoni ta’ dan l-aħjar att jew jekk ikun espressament previst, f’wieħed minn dawn iż-żewġ atti, li wieħed minnhom ikun jipprevali fuq l-ieħor.”

50. Il-pjanijiet pluriennali huma ddefiniti u rregolati mill-Artikolu 9 u l-Artikolu 10 tar-Regolament Bażiku tal-PKS u huma maħsuba sabiex jikkontribwixxu għall-kisba tal-għan espress fl-Artikolu 2(2) tiegħu⁴². Dan ifisser li dawn il-pjanijiet jistgħu jżidu, jikkomplementaw jew jissupplimentaw il-qafas bażiku stabbilit mir-Regolament Bażiku tal-PKS, li jħalli ħafna lok għal deċiżjonijiet ta' politika differenti; għalhekk dawn l-atti għandhom jiġu adottati abbażi tal-Artikolu 43(2) TFUE. Madankollu, indipendentement mill-kontenut ta' pjan pluriennali, dan il-pjan ma jstax, waħdu, jidderoga mill-formulazzjoni espliċita tal-oġettivi tar-Regolament Bażiku tal-PKS.

51. Madankollu, jekk iż-żewġ atti jitqiesu li huma ta' status ġerarkiku ugwali, ir-Regolament Bażiku tal-PKS jista' jiġi emendat b'mod taċitu jew impliċitu? Waqt is-seduta, il-Parlament deher li kien qiegħed jaqbel ma' din il-possibbiltà. Huwa spjega li, għalkemm il-formulazzjoni tal-Artikolu 2(2) tar-Regolament Bażiku tal-PKS kienet ċara u mingħajr eċċezzjoni, il-qafas ġuridiku kien "evolva" mad-dħul fis-seħħ tar-Regolament dwar l-Ilmijiet tal-Punent. B'mod partikolari fil-kuntest tal-obbligu ta' ħatt l-art, bħalma l-Parlament osserva, il-leġiżlatur tal-Unjoni ma qiesx iktar possibbli li jsegwi l-għan tal-MSY għall-2020 għall-istokkijiet *kollha*. B'hekk, l-Artikoli 4 u 5 tar-Regolament dwar l-Ilmijiet tal-Punent ippruvaw jagħmlu distinzjoni bejn l-istokkijiet fil-mira u l-qabdiet inċidentali, fost l-oħrajn, fl-iffissar tal-opportunitajiet tas-sajd. Dawn id-dispożizzjonijiet għalhekk "emendaw impliċitament" (kif spjega l-Parlament fis-seduta) l-Artikolu 2(2) tar-Regolament Bażiku tal-PKS, billi naqqsu effettivament il-qabdiet inċidentali mir-riferiment għall-"istokkijiet kollha" li jinsabu f'din id-dispożizzjoni. Ir-riżultat huwa differenza fil-miri tas-sajd għall-istokk fil-mira u l-istokk tal-qabdiet inċidentali, fejn l-ewwel wieħed biss jinħasad f'livelli ta' bijomassa li jkunu kapaċi jirrestawraw il-MSY. Meta l-istess stokk jinqabad bħala qabda inċidentali, l-istabbiliment ta' TAC ma jkunx limitat mill-mira tal-MSY għall-2020; fil-qosor, il-Kunsill "jingħata mill-ġdid" is-setgħa diskrezzjonali li jibbilanċja dan ma' għanijiet oħra tal-PKS, tal-inqas f'dak li jirrigwarda r-reġjun limitat tal-Ilmijiet tal-Punent⁴³.

52. Dak li jikkostitwixxi emenda fis-sens tad-dritt tal-Unjoni ma huwiex irregolat. Jista' jiġi aċċettat li, hekk kif is-sustanza ta' att tinbidel, tkun saret emenda. Għal dan l-għan, jista' jinħareġ att separat li jemenda. Fil-fatt, il-prassi abitwali tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni hi li att ġdid li jemenda att preċedenti jidentifika espressament id-dispożizzjonijiet preċedenti li huma emendati. Madankollu, strettament, dan ma huwiex neċessarju fil-każ ta' atti tal-istess livell ġerarkiku.

53. Bl-istess mod, ma hemm l-ebda rekwiżit kostituzzjonali stipulat fid-dritt primarju jew sekondarju tal-Unjoni biex jagħti mandat għal mod ta' emenda espressa tat-tfassil tal-liġijiet. Għalkemm ċerti aspetti ta' kif isiru l-emendi jew ir-revoki huma ddefiniti fil-gwidi editorjali⁴⁴ jew fil-ftehimiet interistituzzjonali⁴⁵, dawn it-testi, madankollu, ma humiex liġi. B'hekk, il-*mod* li bih il-leġiżlatur tal-Unjoni jemenda jew iħassar il-leġiżlazzjoni preċedenti jibqa' parti mill-"privileġġ parlamentari" tiegħu.

⁴² Ara, f'dan ir-rigward, l-Artikolu 9(1) tar-Regolament Bażiku tal-PKS li jispjega l-għan tal-pjanijiet pluriennali.

⁴³ Peress li jikkonċerna biss ċertu qasam, ir-Regolament dwar l-Ilmijiet tal-Punent ma jstax jemenda l-Artikolu 2(2) tar-Regolament Bażiku tal-PKS bħala tali. L-iktar li jista' jagħmel huwa li jintroduċi derogi reġjonali għall-qafas stabbilit mir-Regolament Bażiku tal-PKS.

⁴⁴ Ara, pereżempju, il-Gwida Prattika Komuni tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni għal persuni involuti fl-abbozzar ta' leġiżlazzjoni tal-Unjoni Ewropea, 2016, punt 18.14, "fejn ikun ser jiġi emendat att, dan għandu, bħala regola ġenerali, isir b'emenda formali."

⁴⁵ Ara, pereżempju, il-Ftehim Interistituzzjonali tat-22 ta' Diċembru 1998 fuq linji gwida komuni għall-kwalità ta' l-abbozzar ta' leġiżlazzjoni tal-Komunità (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 1 Vol. 3 p. 39-41), il-punti 18 u 21, li jipprovdu li "[k]ull emenda ta' att għandu jiġi espress b'mod ċar" u "[a]tt u dispożizzjonijiet li m'għadhomx fl-użu għandhom ikunu espressament imħassrin."

54. Wieħed jista' jistaqsi għaliex jimporta jekk emenda ssirx b'mod espress jew impliċitu jekk il-konsegwenza hija fi kwalunkwe każ ikkontemplata b'leġislazzjoni.

55. It-tħassib li jiġi l-ewwel u li huwa l-iktar ovvju huwa li l-emendi impliċiti ma humiex trasparenti għall-pubbliku. Din il-parti kkonċernata għandha tkun taf, għall-inqas b'mod ġenerali, x'inhi l-liġi f'mument partikolari⁴⁶. Dan huwa aspekk wieħed tal-Istat tad-dritt⁴⁷. Għalhekk, l-emendi impliċiti mingħajr spjegazzjoni huma l-għadu proprju tal-leġislazzjoni trasparenti. Dawn jirriskjaw li jikkompromettu s-sigurtà u l-prevedibbiltà tar-relazzjonijiet sottostanti kif ukoll id-drittijiet u l-obbligi tagħhom relatati magħhom⁴⁸.

56. It-tieni, jiena nsostni li raġuni waħda għal xiex intenzjoni għal emenda indikata espressament, b'mod partikolari f'dak li jirrigwarda l-għażliet ta' politika, tinsab fir-rekwiżit li tiġi permessa l-parteċipazzjoni fil-proċess leġislattiv. Dan huwa aspekk importanti ta' soċjetajiet demokratiċi. Jekk il-leġislatur tal-Unjoni jkun trasparenti fir-rigward tal-intenzjonijiet (proposti) tiegħu, dan jippermetti li jkun hemm "opożizzjoni leġislattiva" sinjifikattiva fil-proċess leġislattiv tal-Unjoni mhux biss fi ħdan il-Parlament, iżda wkoll fost il-partijiet differenti kkonċernati. Huwa jista' wkoll iħeġġeġ lill-pubbliku jirrifletti l-qbil jew in-nuqqas ta' qbil tiegħu b'votazzjoni.

57. Fl-aħħar nett, kif għandha l-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi jekk leġislazzjoni ġietx emendata meta ma jkun hemm ebda spjegazzjoni espliċita dwar l-intenzjoni li jiġu emendati l-għażliet leġislattivi preċedenti, la fit-test leġislattiv innifsu u lanqas fid-dokumenti ta' sostenn? Hija l-Qorti tal-Ġustizzja li għandha tasal għas-sens legali ta' dispożizzjoni partikolari tal-Unjoni, moqrija fil-kuntest u l-iskop tagħha. Dan l-obbligu jkun kunsiderevolment iktar ikkumplikat meta dan il-kuntest u dan l-iskop setgħu ġew impliċitament emendati mil-leġislatur tal-Unjoni, u l-ebda traċċa ta' spjegazzjoni dwar tali bidla ma tkun tidher fid-dokumentazzjoni preparatorja jew finali. Dan huwa iktar u iktar il-każ fir-rigward ta' emendi ta' elementi essenzjali ta' politika li jistgħu jkunu ta' interess għall-pubbliku. Meta, bħal f'dan il-każ, il-Qorti tal-Ġustizzja tkun, essenzjalment, obbligata tiddeċiedi dwar l-intenzjoni "vera" tal-leġislatur tal-Unjoni, ikun hemm element ta' leġittimità miżjud fir-rigward tal-appoġġ għall-allegata intenzjoni ta' test leġislattiv jekk dan it-test jew id-dokumenti ta' sostenn tiegħu jaqblu *effettivamente* ma' dak li l-elementi kostitutivi ta' dan il-leġislatur sussegwentement isostnu li huwa r-riżultat imfittex.

58. F'sitwazzjonijiet bħal dawn, il-Qorti tal-Ġustizzja tista' titkellem biss fuq il-livell tal-prinċipji: iċ-ċertezza legali tirrikjedi li emenda impliċita tkun ċara biżżejjed biex ikun jista' jiġi konkluż li din hija emenda. Dan ikun iktar u iktar il-każ fejn ikun hemm emenda impliċita ta' politika, li tirriżulta f'bidla fid-direzzjoni jew politika leġislattiva. B'mod partikolari f'dak li jirrigwarda dan l-aħħar tip

⁴⁶ Għalkemm, b'mod realistiku, it-trasparenza sħiħa tal-istat tad-dritt hija ideal imprattikabbli; ara, f'dan ir-rigward, b'analoġija, QEDB, l-10 ta' Novembru 2005, Leyla Şahin vs It-Turkija (CE:ECHR:2005:1110JUD004477498, punt 91), "Għandu jifakkar ukoll li, irrispettivament mir-redazzjoni ta' dispożizzjoni legali ċara, l-applikazzjoni tagħha tinvolvi element inevitabbli ta' interpretazzjoni ġudizzjarja, peress li jkun dejjem neċessarju li jiġu ċċarati punti dubjużi u li jiġu adattati għal ċirkustanzi partikolari. Marġni ta' dubju dwar il-fatti marġinali ma jirrendix, fih innifsu, dispożizzjoni legali imprevedibbli fl-applikazzjoni tagħha. Lanqas is-sempliċi fatt li tali dispożizzjoni tista' tingħata iktar minn interpretazzjoni waħda ma jfisser li hija ma tissodisfax ir-rekwiżit ta' 'prevedibbiltà' fis-sens tal-Konvenzjoni". [traduzzjoni mhux uffiċjali] Ara wkoll ir-rimarka ta' spiss iċċitata mill-Avukat Ġenerali Wahl, li "li wieħed jiltaqa' ma' sitwazzjoni 'vera' ta' acte clair tkun [...] qisek qed tiltaqa' ma' unikorn" (konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Wahl fil-kawża magħquda X u van Dijk, C-72/14 u C-197/14, EU:C:2015:319, punt 62).

⁴⁷ Dwar l-aspetti formali u sostantivi tal-kunċett ta' stat tad-dritt, ara Bačić Selanec, N., u Ċapeta, T., "The Rule of Law and Adjudication of the Court of Justice of the European Union", *The Changing European Union: A Critical View on the Role of Law and the Courts*, Modern Studies in European Law, Hart Publishing, Oxford, 2022, p. 35 sa 62.

⁴⁸ Ara, b'analoġija, is-sentenza tas-26 ta' Jannar 2017, GGP Italy vs Il-Kummissjoni (T-474/15, EU:T:2017:36, punt 63), li tispjega li "il-prinċipju ta' ċertezza legali huwa intiż sabiex jiżgura l-prevedibbiltà tas-sitwazzjonijiet u tar-relazzjonijiet ġuridiċi li jaqgħu taħt id-dritt tal-Unjoni. Għal dan il-għan, huwa essenzjali li l-istituzzjonijiet josservaw l-intanġibbiltà tal-atti li huma adottaw u li jaffettwaw is-sitwazzjoni ġuridika u sostantiva tal-individwi, b'tali mod li ma jistgħux jimmodifikaw dawn l-atti ħlief bl-osservanza tar-regoli ta' kompetenza u ta' proċedura." Ara wkoll, f'dan is-sens, is-sentenzi tad-9 ta' Lulju 1981, Gondrand u Garancini (169/80, EU:C:1981:171, punt 17), u tat-22 ta' Frar 1984, Kloppenburg (70/83, EU:C:1984:71, punt 11).

ta' emenda ta' test ġuridiku, fil-fatt insostni li teżisti preżunzjoni kontra l-emenda impliċita ta' regola tad-dritt sekondarju tal-Unjoni. Indipendentement mill-mod kif tiġi introdotta deroga, b'mod espliċitu jew impliċitu, għandu jkun ċar għall-Qorti tal-Ġustizzja li seħħet emenda.

59. F'dan il-każ, bl-ebda mod ma huwa evidenti li r-Regolament dwar l-Ilmijiet tal-Punent kien intiż li jemenda impliċitament l-Artikolu 2(2) tar-Regolament Bażiku tal-PKS. Għalhekk, peress li huwa impossibbli li jiġi kkonstatat b'mod konklużiv jekk kienx hemm emenda jew le, il-Qorti tal-Ġustizzja tista' tiddeċiedi biss billi tippreżumi li ma saret l-ebda emenda għar-Regolament Bażiku tal-PKS.

c) Konklużjoni interim

60. Konsegwentement, jiena tal-fehma li d-distinzjoni introdotta mill-Artikoli 4 u 5 tar-Regolament dwar l-Ilmijiet tal-Punent bejn il-qabdiet fil-mira u l-qabdiet inċidentali ma taffettwax, u għalhekk tibqa' suġġetta, għall-obbligu ġenerali globali ta' politika li jinsab fl-Artikolu 2(2) tar-Regolament Bażiku tal-PKS tas-sajd tal-istokkijiet kollha fil-livelli tal-MSY sa mhux iktar tard mis-sena 2020. Dan ifisser li l-Kunsill ma kellu l-ebda setgħa diskrezzjonali sabiex jiffissa t-TAC tal-erba' stokkijiet inkwistjoni flivelli 'il fuq minn żero, anki jekk biss meta jinqabdu b'mod inċidentali.

D. Fuq il-validità tar-Regolament tal-2020

1. Invalidità minħabba l-assenza ta' setgħa diskrezzjonali mogħtija lill-Kunsill

61. Fil-kuntest tal-konklużjonijiet ta' hawn fuq, l-analiżi tiegħi tal-validità tar-Regolament tal-2020 tista' tkun pjuttost qasira.

62. Kif huwa paċifiku bejn il-partijiet f'din il-proċedura, u kif jirriżulta mill-Artikolu 1(1) u mill-Anness IA tar-Regolament tal-2020, il-Kunsill stabbilixxa t-TAC tal-erba' stokkijiet inkwistjoni fl-ibħra madwar l-Irlanda 'l fuq minn żero.

63. Dawn it-TAC ma jikkonformawx mal-“aħjar parir xjentifiku disponibbli” jew mal-approċċ ta' prekawzjoni għall-ġestjoni tas-sajd sabiex jintlaħaq l-MSY; dan ma huwiex ikkontestat mill-partijiet. Ir-Regolament tal-2020 għalhekk imur, parzjalment, kontra l-għan, stipulat fl-Artikolu 2(2) tar-Regolament Bażiku tal-PKS, li jiġu rrestawrati progressivament u miżmuma l-popolazzjonijiet tal-istokkijiet tal-ħut 'l fuq mil-livelli ta' bijomassa li jistgħu jipproduċu l-MSY sa mhux iktar tard mill-2020 għall-istokkijiet kollha. Kif spjegajt fil-punti 43 sa 60 ta' dawn il-konklużjonijiet, ir-Regolament dwar l-Ilmijiet tal-Punent ma jaffettwax din il-konklużjoni.

64. Minn dan isegwi li l-Kunsill ma kellux setgħa diskrezzjonali sabiex jiffissa l-opportunitajiet ta' sajd fl-ibħra madwar l-Irlanda għall-erba' stokkijiet inkwistjoni 'l fuq minn żero. Id-deċiżjoni tiegħu kienet, konsegwentement, illegali. Għalhekk nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tiddikjara l-Anness IA tar-Regolament tal-2020 invalidu sa fejn dan jiffissa opportunitajiet ta' sajd għall-erba' stokkijiet inkwistjoni fl-ibħra madwar l-Irlanda 'l fuq minn żero.

2. Invalidità minħabba li l-Kunsill eċċeda l-limiti tas-setgħa diskrezzjonali tiegħu

65. Madankollu, huwa possibbli li l-Qorti tal-Ġustizzja ma taqbilx mal-interpretazzjoni tiegħi tar-Regolament Bażiku tal-PKS u/jew tikkonkludi li r-Regolament dwar l-Ilmijiet tal-Punent seta' u effettivament emenda l-Artikolu 2(2) tar-Regolament Bażiku tal-PKS sabiex jeskludi l-qabdiet inċidentali fis-sajd imħallat mill-kunċett tal-“istokkijiet kollha”. F'dan il-każ, l-evalwazzjoni tal-validità tar-Regolament tal-2020 teħtieġ li jiġi vverifikat jekk il-Kunsill baqax fil-limiti tas-setgħa diskrezzjonali tiegħu fid-determinazzjoni tat-TAC tal-erba' stokkijiet inkwistjoni.

66. Taħt dan ix-xenarju, ir-Regolament Bażiku tal-PKS u r-Regolament dwar l-Ilmijiet tal-Punent jippermettu lill-Kunsill, meta jstabilixxi l-opportunitajiet tas-sajd annwali tiegħu, jibbilanċja l-għan tal-MSY għall-2020 għall-erba' stokkijiet inkwistjoni maqbuda bħala qabdiet inċidentali f'sajd imħallat mal-għanijiet l-oħra tal-PKS. Fi kliem ieħor, il-Kunsill ikun f'pożizzjoni li jitbiegħed mill-parir għal ebda qbid maħruġ għall-erba' stokkijiet inkwistjoni sabiex jilħaq il-MSY jekk huwa jqis neċessarju li jippreżerva, pereżempju, is-sopravivenza tal-flotot tas-sajd jew in-numru ta' impjegji fl-industrija tas-sajd.

67. Kif għandha l-Qorti tal-Ġustizzja tevalwa l-osservanza tas-setgħa diskrezzjonali tal-Kunsill f'dak il-każ? Fil-fehma tiegħi, huwa neċessarju li l-Qorti tal-Ġustizzja tivverifika jekk il-Kunsill ħax inkunsiderazzjoni t-tħassib kollu li għandu jsir f'dan l-eżerċizzju ta' bbilanċjar, anki jekk ma tistax tistħarreġ kif dawn l-elementi ġew ibbilanċjati.

68. Mill-ispejgazzjonijiet tal-Kunsill u tal-Kummissjoni huwa ċar li r-Regolament tal-2020 stabbilixxa TAC għal livelli 'l fuq minn żero għall-erba' stokkijiet inkwistjoni fl-ibħra madwar l-Irlanda sabiex jiġi evitat “iċ-choke” tal-operazzjonijiet ta' sajd għal stokkijiet oħra (fil-mira). Fi kliem ieħor, l-azzjoni tal-Kunsill serviet għall-għanijiet soċjoekonomiċi tal-PKS. Din l-istituzzjoni għandha għalhekk turi li hija ħadet inkunsiderazzjoni l-preokkupazzjonijiet kollha marbuta mal-għanijiet differenti li hija bbilanċjat ma' xulxin. Fil-fehma tiegħi, dan jinkludi tal-inqas spjegazzjoni tad-dannu (finanzjarju jew ekonomiku) possibbli li l-fenomenu tal-“ispeċijiet choke” jikkawża lill-industrija tas-sajd u lill-popolazzjoni(jiet) kostali kkonċernati, kif ukoll il-perikoli u l-prospett tal-istokkijiet tal-ħut inkwistjoni sabiex tintlaħaq il-mira tal-MSY għall-2020.

69. Il-Kunsill stess deher li jaqbel li s-setgħa diskrezzjonali tiegħu ma hijiex limitata għan-natura u għall-kamp ta' applikazzjoni tal-miżuri li għandhom jittieħdu, iżda li din testendi wkoll għall-konstatazzjoni tal-fatti bażiċi. Għaldaqstant, huwa għandu juri lill-Qorti tal-Ġustizzja li wettaq dan l-eżerċizzju ta' tiftix tal-fatti fl-iffissar tal-opportunitajiet ta' sajd inkwistjoni f'din il-kawża.

70. Madankollu, meta huwa kellu, waqt is-seduta, jispjega bi preċiżjoni l-portata tal-effetti soċjoekonomiċi mistennija fil-każ ta' adozzjoni ta' ebda TAC rilevanti, il-Kunsill ma seta' jipprovdi lill-Qorti tal-Ġustizzja ebda preċiżazzjoni dwar l-informazzjoni li huwa ħa inkunsiderazzjoni għall-finijiet tal-eżerċizzju ta' bbilanċjar tiegħu. Huwa lanqas ma kien f'pożizzjoni li jispjega x'kienu l-konsegwenzi finanzjarji, ekonomiċi jew soċjali li kienu jirriżultaw li kieku ffissa għal żero t-TAC tal-erba' stokkijiet inkwistjoni fl-ibħra madwar l-Irlanda. L-unika parti li setgħet twieġeb dwar dan il-punt, il-Kummissjoni, spjegat li n-numru ta' bastimenti potenzjalment affettwati huwa ta' madwar 6 000 u li d-dannu potenzjali li jirriżulta mill-għeluq tal-baċir tal-baħar kollu madwar l-Irlanda jammonta għal madwar EUR elf miljun⁴⁹. Ma għandi l-ebda raġuni għalfejn nid-

⁴⁹ Għandi nżid ngħid li dan l-ammont ta' dannu potenzjali jirriżulta biss fil-każ li s-sajd jieqaf kompletament. Il-Qorti tal-Ġustizzja, madankollu, ma ġietx ipprovdata bi spjegazzjoni fir-rigward ta' għaliex dan ikun il-każ, jew tabilħaqq li l-għeluq tal-baċir tal-baħar kollu jkun il-konsegwenza neċessarja tal-istabiliment tat-TAC għall-erba' stokkijiet inkwistjoni fil-livell ta' żero.

dubita minn dawn iċ-ċifri, iżda l-offerta ta' żewġ indikaturi ekonomiċi minn ħafna⁵⁰ ma hijiex suffiċjenti sabiex tispjega b'mod konvinċenti l-mod li bih l-eżerċizzju ta' bbilanċjar tal-Kunsill allegatament twettaq. Fil-fatt, huwa abbażi ta' din il-motivazzjoni li l-Qorti tal-Ġustizzja sussegwentement teżerċita l-istħarriġ ġudizzjarju tagħha, anki fl-oqsma fejn is-setgħa tagħha li tagħmel dan hija "limitata". Fl-astratt, sempliċement ma huwiex possibbli għall-Qorti tal-Ġustizzja li "tagħmel xogħolha" meta tkun ikkonfrontata b'wegħdiet istituzzjonali li jgħidu li d-data rilevanti "ġiet ikkunsidrata".

71. Madankollu, jekk jitqies li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha d-data, huwa ċar li, fil-kuntest tal-eżerċizzju ta' bbilanċjar imwettaq mill-Kunsill (sakemm is-setgħa diskrezzjonali kienet fil-fatt disponibbli/"irritornata" lill-Kunsill sabiex jibbilanċja l-għanijiet soċjoekonomiċi mal-mira tal-MSY għall-2020), l-għan fundamentali tal-kisba ta' MSY għall-istokkijiet kollha ma jistax jiġi injorat totalment. F'dan ir-rigward, il-Kunsill sostna li huwa stabbilixxa t-TAC għall-erba' stokkijiet inkwistjoni f'livell daqs jew inqas mill-istimi tal-ICES dwar il-qabdiet incidentalni inevitabli⁵¹. Huwa spjega li dawn il-livelli (li ser insejjaħ) "ihtar favorevoli" jippermettu ċerta żieda fil-bijomassa ta' stokk riproduttiv (pereżempju, għall-merluzz tal-Punent tal-Iskozja ta' madwar 10%) tal-erba' stokkijiet inkwistjoni, u li dan kien l-għan evidenti tal-Kunsill. Għal darba oħra, jekk ma nikkontestax din iċ-ċifra, dak li ma jistax jiġi injorat huwa l-fatt li, anki f'dawn il-livelli, l-erba' stokkijiet inkwistjoni jibqgħu fil-limitu l-ihtar baxx ta' bijomassa neċessarja għar-riproduzzjoni ta' dawn l-istokkijiet. Fi kliem ieħor, dawn il-livelli "ihtar favorevoli" jikkawżaw *dejjem* danni irreparabli għall-erba' stokkijiet inkwistjoni, peress li t-TAC kienet stabbilita f'livell li jirrappreżenta perċentwali sinjifikattiva tal-bijomassa attwali tagħhom (pereżempju, għall-merluzz, it-TAC għas-sena 2020 kienu jirrappreżentaw 62% u 54% rispettivament tal-bijomassa ta' stokk riproduttiv fiż-żewġ operazzjonijiet ta' sajd ikkonċernati)⁵². Fil-fehma tiegħi, dawn il-livelli ntgħażlu abbażi tal-istima tal-ICES tal-ammont ta' qabdiet incidentalni mistennija. Madankollu, abbażi tal-informazzjoni li għandha l-Qorti tal-Ġustizzja, jidher li ebda parir xjentifiku ma ntabab dwar l-impatt possibbli tat-TAC magħżula fuq il-possibbiltajiet tal-istokkijiet inkwistjoni li jiġu rkuprati - kemm fil-livelli tal-MSY kif ukoll mod ieħor⁵³. Għalhekk jidher li, billi stabbilixxa din it-TAC f'livell li jirrappreżenta kwantità kbira tal-bijomassa ta' stokk riproduttiv għall-erba' stokkijiet inkwistjoni, il-Kunsill ma osservax l-obbligu tiegħu li jfittex u jifformula dan il-livell abbażi tal-"aħjar pariri xjentifiċi disponibbli" jew tal-approċċ ta' prekawzjoni⁵⁴.

72. Fl-aħħar nett, bil-miktub u waqt is-seduta, il-Kunsill spjega li, flimkien mat-teħid inkunsiderazzjoni tal-erba' stokkijiet inkwistjoni bħala qabdiet incidentalni, huwa ħa inkunsiderazzjoni miżuri korrettivi addizzjonali, bħall-impenn tal-Istati Membri li ma jużawx iż-żieda ta' 10% tat-TAC awtorizzata mill-Artikolu 15(9) tar-Regolament Bażiku tal-PKS f'dak li jirrigwarda l-erba' stokkijiet inkwistjoni. Meta jitqies il-fatt li 10% tal-ebda TAC, kif irrakkomandat mill-ICES, jibqa' xorta waħda żero, dan l-impenn ma jidher li huwa miżura

⁵⁰ B'mod realistiku, nassumi li l-Kunsill eżamina wkoll in-numru ta' operazzjonijiet tas-sajd stmati li fallaw; l-adattabilità potenzjali tal-flotot tas-sajd biex jorjentaw mill-ġdid l-operazzjoni tas-sajd tagħhom lejn stokkijiet jew il-mijiet differenti; l-għadd ta' impjeġi li jistgħu jintilfu f'reġjun jew industrija partikolari; jew informazzjoni simili dwar il-partijiet ikkonċernati dipendenti (jew dak li huwa magħruf fil-makroekonomija bħala industrij "sekondarji" jew "terzarji").

⁵¹ L-istima tal-ICES ta' qabdiet incidentalni inevitabli ta' merluzz fil-Punent tal-Iskozja kienet ta' 1 279 tunnellata u l-Kunsill stabbilixxa t-TAC tal-merluzz f'dawk l-ilmijiet għal 1 279 tunnellata. Għat-tliet stokkijiet l-oħra, it-TAC stabbilita mill-Kunsill kienet inqas mill-istimi tal-ICES (għall-merluzz tal-Baħar Ċeltiku l-ICES għamel stima ta' bejn 1 331 u 1 854 tunnellata, u l-Kunsill stabbilixxa t-TAC għal 805 tunnellata; għall-merlangu tal-Baħar Irlandiż, l-ICES għamel stima ta' bejn 901 u 917 tunnellata ta' qabdiet incidentalni, u l-Kunsill stabbilixxa t-TAC għal 721 tunnellata; fl-aħħar, għall-barbun tat-tbajja, l-ICES għamel stima ta' 100 tunnellata ta' qabdiet incidentalni, u l-Kunsill stabbilixxa t-TAC għal 67 tunnellata).

⁵² Kif spjegat il-qorti tar-rinviju fil-punt 102 tad-deċiżjoni tar-rinviju.

⁵³ Dan ġie kkonfermat mill-Kummissjoni fis-seduta. Madankollu, il-Kummissjoni ma spjegatx għaliex dan il-parir ma kienx intalab.

⁵⁴ Ara, f'dan ir-rigward, l-Artikolu 5(1) u (2) tar-Regolament dwar l-Ilmijiet tal-Punent.

korrettiva sinjifikattiva. Il-Kunsill sostna wkoll li kien introduċa ċerti miżuri tekniċi, bħall-użu obligatorju ta' xbieki tas-sajd b'qisin tal-malji speċifiċi f'ċerti ilmijiet, li jżidu s-selettività tal-istokkijiet maqbuda fis-sajd imħallat⁵⁵. Madankollu, mhux biss tali obbligi kienu introdotti biss f'nofs is-sena 2020, iżda, iktar importanti minn hekk, l-Artikolu 9(5) tar-Regolament Bażiku tal-PKS jawtorizza miżuri speċifiċi fil-qasam tas-sajd imħallat biss meta ż-żieda tas-selettività ma tkunx tista' titwettaq mod ieħor. Konsegwentement, kull miżura li żżid is-selettività kellha tittieħed inkunsiderazzjoni *qabel* ma żdiedet it-TAC għall-qabdiet incidentalni u mhux *wara* din iż-żieda.

73. Bħala konklużjoni, anki jekk ir-Regolament dwar l-Ilmijiet tal-Punent għandu jiġi interpretat bħala li jemenda r-Regolament Bażiku tal-PKS fir-rigward tal-istokkijiet ta' qabdiet incidentalni fis-sajd imħallat (*quod non*), jiena tal-fehma li l-Kummissjoni u l-Kunsill ma pprovdewx biżżejjed informazzjoni lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tkun tista' tikkonkludi li r-Regolament tal-2020 ma ġiex adottat lil hinn mil-limiti li tħallew mir-Regolament Bażiku tal-PKS u r-Regolament dwar l-Ilmijiet tal-Punent.

74. Anki f'dan il-każ sussidjarju, nipproponi għalhekk lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tiddikjara invalidu r-Regolament tal-2020 sa fejn jistabbilixxi it-TAC għall-erba' stokkijiet inkwistjoni fl-ibħra madwar l-Irlanda għal livell oġġla minn zero.

E. Żamma tal-effetti tar-Regolament tal-2020

75. Minħabba d-dikjarazzjoni ta' invalidità tar-Regolament tal-2020, il-bażi tal-iffissar tal-opportunitajiet ta' sajd għal dik is-sena tisparixxi b'effett retroattiv bl-istess mod daqslikiċu dan ir-regolament kien annullat.⁵⁶ F'dawn iċ-ċirkustanzi, it-tieni paragrafu tal-Artikolu 264 TFUE, applikabbli wkoll b'analoġija għal rinviju għal deċiżjoni preliminari għall-evalwazzjoni tal-validità tal-atti tal-Unjoni skont l-Artikolu 267 TFUE, jagħti lill-Qorti tal-Ġustizzja setgħa diskrezzjonali sabiex tiddeċiedi liema effetti speċifiċi tal-att inkwistjoni għandhom jitqiesu li huma definittivi⁵⁷.

76. F'dan il-każ, ir-Regolament tal-2020 skada fl-aħħar tas-sena 2020. Skont it-talba tal-Kunsill, ma naħsibx li huwa ġġustifikat li tiġi kkontestata l-legalità tal-attivitajiet tas-sajd imwettqa mill-operaturi *in bona fide*, b'mod partikolari fir-rigward tar-riskji ta' riperkussjonijiet serji fuq numru kbir ta' relazzjonijiet ġuridiċi stabbiliti f'dan ir-rigward.

77. Fil-każ li l-Qorti tal-Ġustizzja tagħżel għalhekk li ssegwi l-konklużjoni tiegħi, nissuġġerixxi li tillimita l-effetti *ratione temporis* tad-dikjarazzjoni ta' invalidità tal-partijiet rilevanti tal-Anness IA tar-Regolament tal-2020 billi żżomm l-effetti tagħhom matul il-perijodu ta' validità ta' dan ir-regolament.

⁵⁵ Ara l-Artikolu 13 tar-Regolament tal-2020.

⁵⁶ Ara s-sentenza tas-26 ta' April 1994, Roquette Frères (C-228/92, EU:C:1994:168, punt 17).

⁵⁷ Ara, pereżempju u b'analoġija, is-sentenza tat-28 ta' April 2016, Borealis Polyolefine *et* (C-191/14, C-192/14, C-295/14, C-389/14 u C-391/14 sa C-393/14, EU:C:2016:311, punt 103 u l-ġurisprudenza ċċitata).

IV. Konklużjoni

78. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti, nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi kif ġej għat-tieni domanda preliminari:

- (1) L-Anness IA tar-Regolament (UE) 2020/123 tas-27 ta' Jannar 2020 li jistabbilixxi, għas-sena 2020, l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut u ċerti gruppi ta' stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni għall-erba' stokkijiet inkwistjoni, huwa invalidu sa fejn dan jistabbilixxi opportunitajiet ta' sajd 'il fuq minn żero għal
 - merluzz (*Gadus morhua*) fid-diviżjoni 6.a tal-ICES; l-ilmijiet tal-Unjoni u internazzjonali ta' 5b sal-Lvant ta' 12°00' W (COD/5BE6A);
 - merluzz (*Gadus morhua*) fid-diviżjonijiet 7.e-k tal-ICES;
 - merlangu (*Merlangius merlangus*) fid-diviżjoni 7.a tal-ICES (WHG/07A.);
 - barbun tat-tbajja (*Pleuronectes platessa*) fid-diviżjonijiet 7.h, 7.j u 7.k (PLE/7HJK.).
- (2) L-effetti tal-Anness IA tar-Regolament (UE) 2020/123 għandhom jinżammu għall-perijodu ta' validità ta' dan ir-regolament.